Settembru 2012 • Vol 19 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

DOMINE DIRIGE NOS




## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Ir-rispett li jgawdi l-Korp se jkun jiddependi minnek ukoll
- It-twaqqif tal-Malta Police Association Shooting Club
- L-Affidavit fi proceduri Kriminali

u aktar...

*Newspaper Post*




Settembru 2012 • Vol 19 • Nru. 3

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

**Qoxra:**
Parata tal-Pass Out nhar it-8 ta' Awwissu 2012 fil-Fortita' Sant' Iermu
**Ritratt:** Sezzjoni tal-Fotografija













5 Editorjal 5

7 Ir-rispett li jgawdi l-Korp se jkun jiddependi minnek ukoll

13 Ċerimonja ta' Għoti ta' Medalji u Ċertifikati 12 ta' Lulju 2012

17 It-Twaqqif tal-Malta Police Association Shooting Club

20 Rapport amministrattiv tas-Segretarju Ġenerali

25 L-Affidavit fi proċeduri Kriminali

29 Sezzjoni tal-Klieb – Taqsima Splussivi

32 Fl-Okkazzjoni tal-198 sena mit-twaqqif tal-Korp

36 Il-Farewell Parade tat-tluq tal-Akkademja mill-Forti Sant' Iermu.

40 It-trobbija u r-rispett tal-liġi

43 Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

45 *Card Fraud* – Nipproteġu l-*cards* tagħna mill-frodisti

48 Id-Distrett Numru 9

53 Charity Tournament 31 ta' Marzu 2012

55 Stabbilimenti li jipprovdu l-ikel

57 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers

62 Mejtin

IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supretendent Mario Spiteri
**Editur:** Assistent Kummissarju Antoine Casha
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech

**Il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN

# Editorjal

L-Akkademja tal-Pulizija twaqqfet fl-1988 u bdiet tiffunzjona mill-Forti ta' Sant' Iermu fil-Belt Valletta. Mit-twaqqif tagħha 24 sena ilu sa' llum, l-Akkademja pprovdiet tmien korsijiet ta' taħriġ għall-Fizzjali Kadetti u 32 kors ta' taħriġ għar-rekluti ġodda. Minn dawn tal-aħħar iggradwaw aktar minn 2,020 rekluta.

Fl-Akkademja jsiru wkoll korsijiet għall-membri li jkunu diġa' qed iservu fil-Korp – in service courses. Minn Marzu 2007, dawn bdew isiru fuq bażi regolari fejn kull membru tal-Korp, minn Surġent Maġġur 'l isfel, jingħata tmien sigħat taħriġ fix-xahar bħala parti mill-ħin tax-xogħol.

Dan l-aħħar, fit-8 t'Awissu 2012, saret l-aħħar passing out parade fl-Akkademja tal-Pulizija ġewwa l-Forti Sant' Iermu; dan peress li fil-Forti se jibda' proġett ta' restawr li se jinkludi wkoll Mużew tal-Istorja Militari ta' Malta.

Minħabba f'hekk qed tinbena Akkademja ġdida f'Ta' Kandja bil-faċilitajiet moderni li huma meħtieġa għall-Korp tal-Pulizija. Dan għaliex sa' llum it-taħriġ kien qiegħed isir f'post li kien mibni qabel u mhux mibni speċifikament għall-bżonnijiet tat-taħriġ tal-Pulizija. Dan kien issemma' għall-ewwel darba fl-2008. Sakemm titlesta l-Akkademja l-ġdida, l-Akkademja se tkun qed topera mill-bini li fil-passat kienet l-iskola Umberto Calosso ġewwa Santa Venera.

Fl-istorja tal-Akkademja wieħed irrid isemmi ukoll li fl-2002 l-Akkademja tal-Pulizija ngħatat libsa legali separata għaliha mill-Korp tal-Pulizija. B'dan l-iżvillup l-Akkademja kellha titmexxa minn Bord apposta mwaqqaf bis-saħħa tal-Att dwar il-Pulizija. Il-Kmandant tal-Akkademja, li huwa ukoll parti mill-Bord, imexxi l-affarijiet ordinarji ta' kuljum tal-Akkademja filwaqt li d-Direttur tal-Istudji (membru tal-Bord) għandu jkun responsabbli għall-kurrikulu u għal kull aspett akkademiku tat-tmexxija tal-Akkademja. Ma nafx kemm dak li hemm maħsub għalih fil-liġi dwar l-Akkademja qed jiffunzjona kif kien maħsub.

Għalhekk nemmen li wasal iż-żmien ukoll li apparti investiment f'binja ġdida, wieħed għandu jirrevedi b'mod sħiħ it-tagħlim u t-taħriġ kemm fil-materjal kemm fil-metodu kif ukoll it-tisħiħ tal-professjonaliżmu fl-abbiltajiet tal-Pulizija li qed jingħata fl-Akkademja bil-għan li jogħla l-livell tal-għalliema u tal-istudenti.

Dan qed ngħidu mhux biss għat-taħriġ tar-rekluti iżda forsi b'mod aktar partikolari għal in service courses li jsiru kull xahar. Nemmen li t-tagħlim u t-taħriġ kontinwu huma importanti iżda dawn għandhom ikunu aktar iffukati u ndirizzati lejn il-bżonnijiet reali ta' dawk l-istudenti li qed jirċevuh, kif ukoll biex jindirizza xi nuqqasijiet fil-qadi tad-doveri tal-Pulizija li wieħed isir jaf bihom minn żmien għal żmien. Għalhekk nemmen li hemm bżonn ta' direzzjoni u ħeġġa ġdida fil-kurrikulu u l-għalliema tal-in service courses sabiex dan iħalli l-frott mixtieq.

Fl-aħħarnett, waqt li qed nikteb dan l-editorjal ġiet ippubblikata ċirkulari (GHQ 50/2012) dwar Salarji u Kundizzjonijiet Ġodda għall-Pulizija. Ma tantx kien hemm żmien biex wieħed jifli sew dak li hemm miktub. Hemm xi mistoqsijiet li wieħed jista` jagħmel, iżda f'dan l-istadju wieħed jkun għaqli li jistenna xi forma ta' reazzjoni min-naħa tal-MPA fuq din iċ-ċirkolari. Wieħed għad irid jara ukoll kif filfatt se tiġi applikata din iċ-ċirkolari biex ma jiġrix bħal ma ġara 20 sena ilu.

# "Ir-rispett li jgawdi l-Korp se jkun jiddependi minnek ukoll"

L-Onorevoli Prim Ministru, Dr. Lawrence Gonzi

minn PC 737 Kurt Dillan Underwood - CMRU



Nhar it-8 ta' Awwissu 2012, kienet ġurnata sinjifikattiva għal 69 persuna, fejn seħħet il-ħolma tagħhom. Dik li jsiru membri tal-Korp tal-Pulizija. Din il-ġurnata rrapprezentat it-tmiem ta' xhur ta' taħriġ u tat bidu għall-għaqda fi ħdan il-familja kbira tal-Pulizija. Sabex is-sinjifikat ta' dan kollu jingħata r-rikonoxximent li jistħoqlu, bħal ma hija l-prassi, saret ċeremonja ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija. Id-diversi aspetti li kkaratterizaw din iċ-ċeremonja, jirriflettu n-natura dixxiplinarja tal-Korp u kif ukoll iservu bħala mezzi espressivi ta' kif dan il-jum jiġi ċċelebrat.



L-ewwel ma bdew jieħdu posthom kienu l-familjari tar-rekluti. Wieħed seta' jinnota fuq l-uċuħ tagħhom sinjali ta' eċitament u entuzjazmu. Dan ċertament, għax kienu qed jistennew b'ħerqa kbira li jaraw lil qrabathom, b'formalita` kbira, f'azzjonijiet li kienu biss għadhom semgħu dwarhom u dak il-jum kien jirrapprezenta l-quċċata ta' ħidma iebsa u kontinwa li huma ma kienux

sempliċiment spettaturi tagħha, iżda b'modi different ipparteċipaw ukoll mil-viċin.

Wara bdiet tinstema l-mużika tal-Banda tal-Pulizija u wara ftit mumenti daħlu mill-entratura prinċipali tal-Pjazza r-rekluti, mqasmin fi tliet stakkamenti, mmexxija mill-Ispettur Stephen Mallia, is-Surġent Maġġur 38 Paul Zahra, is-Surġent 1137 Kevin Vella, is-Surġent Ivan Brincat u is-Surġent 1131 Justin Camilleri, akkumpanjati mill-Banda tal-Pulizija, taħt il-kmand tas-Surmast, l-Ispettur Anthony Cassar. Dawn baqaw jimmarċjaw, sakemm ħadu posthom ġewwa l-*parade ground* sabiex mal-wasla tal-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija jingħata s-salut.

Wara kien imiss il-parata, fejn ir-rekluti b'dixxiplina kbira, immarċjaw u offrew parata mill-isbaħ lill-mistiedna. Wara kien imiss li jittieħed il-ġurnament tal-ħatra. Dan il-ġurament huwa mument importanti ferm, fejn kull membru ġdid fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, quddiem udjenza, jtenni dawk l-obbligi li huwa għandhu lejn il-Korp, lejn kull ċittadin u kif ukoll lejn l-Istat.

Sabiex kull membru ġdid fil-Korp ikun lest biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu kif jixraq, ġewwa l-akkademja isir taħriġ intensiv f'diversi oqsma.

Wara li kull Pulizija ġdid ingħata ċ-ċertifikat, kien imiss l-għoti ta' premijiet lil dawk li ddistingwixxew ruħhom matul dan il-kors. PPC 1026 Brendon Gauci ġie ppremjat wara li klassifika ruħu fl-ewwel post fl-eżamijiet ta' matul dan il-kors. Segwih PPC 22 Antoine Sciberras fit-tieni post u PPC 877 Glen Vella fit-tielet post. Ingħatat ukoll il-PC Mark Farrugia Award lil-WPPC 173 Elisia Scicluna bħala l-aktar rekluta li





ddistingwixxiet ruħha matul dan il-kors.

Kien imiss hawn li jsiru d-diskorsi tal-okkazzjoni. L-ewwel diskors sar min WPPC 173 Elisia Scicluna, bħala rappreżentanta tal-Pulizija l-ġodda. Din f'isem sħabha, irringrazzjat lil dawk kollha li b'xi mod kellhom sehem matul it-taħriġ tagħhom. Saħqet li dawn kienu ta' ispirazzjoni u gwida idejali li qasmu magħhom għarfien permezz ta' mezzi bbażati fuq prinċipji ta' għaqal u dixxiplina. F'isem sħabha, saħqet ukoll li wara dan il-kors wieħed seta' jinnota bidla pożittiva fil-karattru, li issa hu bbażat fuq valuri aktar sodi. Elisia Scicluna spiċċat id-diskors tagħha b'permezz ta' poeżija, miktuba min PPC 840 Roderick Joseph Psaila, li matul il-ftit versi tagħha, irnexxilu jesprimi b'karattru ħelu l-mixja ta' matul din it-triq, filwaqt li ma naqas milli juri gratitudni lil dawk kolla li kienu b'xi mod involuti.

Fid-diskors tiegħu bħala Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur John Rizzo, feraħ lil dawn il-Pulizija l-ġodda għas-suċċess li kellhom f'dan il-kors u tagħhom merħba fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Enfasizza ukoll, li għalkemm it-taħriġ li huma kienu għadhom kif ħadu kien suffiċjenti sabiex jaqdu d-doveri tagħhom b'mod mill-aktar effettiv, ikun tajjeb li wieħed ikompli jitħarreġ fi studji aktar avvanzati. Il-Kummissarju kompla jenfasizza fuq l-importanza tas-sistema attwali ta' taħriġ, li toffri taħriġ kontinwu lil kull membru fi ħdan il-Korp. Dan sabiex wieħed ikun jista` isostni, jitgħallem ħiliet ġodda u kif ukoll jaġġorna ruħu dwar liġijiet u proċeduri li huma is-sinsla ta' kull proċediment. Saħaq li dan kollu iservi sabiex wieħed ikun jista' jaqdi d-doveri tiegħu bl-aħjar mod possibbli.

Fuq livell Ewropew, Il-Kummissarju semma kif il-Korp

jipparteċipa bis-sħiħ fil-kulleġġ Ewropew tal-Pulizija magħruf bħala CEPOL. Dan il-kulleġġ huwa l-aġenzija Ewropeja li għandha l-mandat li torganizza taħriġ għall-fizzjali tal-Pulizija li jaħdmu fir-reġjun Ewropew.

Waqt li l-Kummissarju esprima kemm il-Korp jista` jkun opportunita` ta' sodisfazzjonijiet kbar, huwa semma ukoll li fir-realta` l-affarijiet ma jkunux dejjem sbieħ, saħansitra wieħed faċilment jista` jaffaċja sitwazzjonijiet ostili li jkunu mimlijja riskju u periklu. Semma ukoll kif il-poteri bħal ma huma l-arrest u t-tfittxija, wieħed irid jezerċithom bl-akbar sens ta' korrettezza, responsabilita' u fil-parametri tal-liġi. Dan kollu jista' jseħħ f'ambjent mimli tentazjonijiet ta' kull tip, u sabiex wieħed jaqdi d-doveri tiegħu sewwa. Il-Kummissarju ħeġġiġhom sabiex dejjem jiftakru fil-ġurament li huma għadhom kif ħadu u b'hekk huma ikunu ambaxxaturi denji tal-Korp tal-Pulizija.

L-Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi beda d-diskors tiegħu billi irringrazzja u sellem lil dawk kollha preżenti, b'mod partikolari lill-Pulizija li kienu għadhom kif laħqu u kif ukoll lir-rekluti l-ġodda li kienu għadhom ser jibdew l-esperjenza tagħhom ġewwa l-Akkademja. Huwa saħaq li "Ħafna drabi x-xogħol tal-Pulizija jittieħed bħala stat ta' fatt. Minkejja kull rieda min-naħa tal-Gvern, u minkejja l-investiment u l-istrateġiji li jsiru, dan kollu ma jkollux relevanza jekk is-soċjeta li ngħixu fiha ma jkollhiex persuni li jkunu fuq quddiem nett biex jipproteġuha. Persuni li jkunu kapaċi jidentifikaw it-theddid u jieħdu passi immedjati. Persuni li jkunu pro-attivi meta jkun meħtieġ''. Huwa kompla jgħid li matul dan il-programm ta' taħriġ, huma ġew mejjuna sabiex jakkwistaw dawk il-ħiliet neċċessarji, sabiex





ikunu jistgħu jaqdu d-doveri tagħhom b'mod effettiv u denju. Sostna ukoll fuq l-importanza ta' taħriġ kontinwu, li permezz ta' hekk wieħed jista' jakkwista ħiliet ġodda, jitgħallem u jadotta ruħhu għal metodi ġodda u differenti.

L-Onorevoli Prim Ministru kompla jgħid li l-Gvern jinvesti b'mod kontinwu fil-Korp tal-Pulizija u billi kien hemm il-ħtieġa li l-Akkademja tiġi ttrasferita, peress li l-Forti Sant' Iermu kienet se taqdi funzjonijiet ġodda ta' importanza nazzjonali, qed isir ukoll investiment "f'Akkademja ġdida f'Ta' Kandja, li tilqa' għall-ħtiġijiet u l-isfidi tal-Korp tal-Pulizija". Iżda huwa saħaq li "l-aqwa investiment jibqa fikom u fit-taħriġ li tibqu tieħdu".

L-Onorevoli Prim Ministru spiċċa d-diskors tiegħu billi awgura lil kull Pulizija sabiex jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom fi ħdan il-Korp u sabiex l-enerġija, il-kuraġġ u d-determinazzjoni li wrew matul it-taħriġ, ikomplu jikkaratterizaw l-għemil tagħhom matul din il-karriera.

Kien xieraq li nieħdu l-opinjoni ta' xi Pulizija ġodda, li flimkien ma' sħabhom kienu l-protagonisti ta' din iċ-ċeremonja. PPC 1026 B. Gauci qal li huwa kien immotivat japplika għall-Pulizija minħabba n-natura dinamika u avventuruza tax-xogħol tal-Pulizija. Rigward l-Akkademja tal-Pulizija, huwa qal li din offriet taħriġ fiżiku u akkademiku b'mod mill-aktar suffiċjenti u li d-dixxiplina, li hu tant jagħtiha importanza, kienet il-bażi ta' kull attivita`. Brandon kompla jgħid, li l-Akkademja hija ferm essenzjali għall-Korp, minħabba li din tagħti l-opportunita` sabiex wieħed ikun Pulizija tajjeb u għaqli fix-xogħol tiegħu u għalih din serviet ukoll sabiex issaħħu fil-karattru u ġġielu jkun aktar per-

severanti sabiex jegħleb l-ostakli tal-ħajja. Għal Brandon, it-tgħalim huwa wkoll xi ħaġa importanti ferm u għalhekk huwa jixtieq jkompli jitgħallem sabiex ikun dejjem Pulizija ezemplari u dan bil-ħsieb ukoll li jibni karriera fil-Korp tal-Pulizija.

PPC 877 G. Vella prinċiparjament kien immotivat japplika minħabba n-natura dixxiplinarja tal-Korp, it-taħriġ kontinwu u kif ukoll in-natura ta' ċertu missjonijiet. Glen kompla jgħid, li ġewwa l-akkademja huwa kien tgħallem ħafna ħiliet utli, kif ukoll kiseb għarfien fuq suġġetti varji, li permezz tagħhom wieħed għandu l-opportunita' li jkun Pulizija ta' sinsla tajba.  Glen ukoll osserva bidla pożittiva seħħ ġewwa fih, liema bidla kienet frott tal-mod sistematiku li huwa kellu jimxi bih sabiex jaddatta ħajtu marrutina tal-Akkademja, u li dan kollu nissel fih sens akbar ta' dixxiplina, kif ukoll għamlitu persuna aktar indipendenti.  Glen qal ukoll, li fost l-isfidi li huwa sab ġewwa l-Akkademja, kien il-fatt li huwa kellu jikkordina ma' nies ta' karattru differenti u kif ukoll it-taħriġ tal-*lifesaving,* fejn matulu nzerta temp ta' xita u fejn il-baħar kien għadu kiesaħ. Glen kompla jgħid, li fiż-żmien fejn huma kellhom l-opportunita` li jesperjenzaw ir-realta f'diversi branki, huwa seta` josserva l-applikazzjoni ta' dak li huwa kien qiegħed jitgħallem ġewwa l-Akkademja. Glen jinsab ferm entuzjast li issa kien beda x-xogħol tal-Pulizija u huwa jixtieq ikompli jitħarreġ sabiex ikollu l-opportunita` sabiex javvanza, u b'hekk jibni karriera ta' suċċess fi ħdan il-Korp.

PPC 22 A. Sciberras qal li min dejjem kienet togħġbu l-ordni, kemm fil-persuna tiegħu, kif ukoll fis-soċjeta`, u minn dejjem kienet ix-xewqa tiegħu li jkollu xogħol li fih jagħti servizz liċ-ċittadin u lis-soċjeta`. Antoine qal li għalhekk ix-xogħol ta' Pulizija kien idejali għalih u l-Akkademja ħass li kienet utli ferm.  Dan għaliex tagħtu bażi soda fil-liġi u f'diversi oqsma li huma relatati max-xogħol tal-Pulizija. Antoine kompla jgħid, li nnota bidla kbira sseħħ ġewwa fih, ħassu li kien immatura iżjed, sar aktar deċiżiv dwar l-għażliet li jagħmel, iżjed kuraġġuz u aktar konvint fih innifsu li kapaċi jilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħu. Antoine qal li mingħajr l-ebda dubju, żmien l-eżamijiet kien l-aktar perjodu diffiċli u stressanti, għaliex dan kien żmien deċiżiv fil-karriera ta' Pulizija.  Antoine kompla jgħid li ż-żmien li huwa qatta` ġewwa d-distrett kien ta' utilita` kbira. Dan peress li tah l-opportunita` sabiex josserva kif Pulizija għandu jġib ruħu mannies, b'mod mill-aktar għaqli u ġust. Antoine ukoll jixtieq li 'l quddiem javvanza fil-Pulizija, u dan l-aktar sabiex ikun ta' servizz akbar għas-soċjeta`.



WPPC 173 E. Scicluna qalet li hija bdiet tinteressa ruħha biex tidħol fil-Pulizija meta kienet tisma l-esperjenzi ta' numru ta' Pulizija li hija kienet taf u kif ukoll ta' xi rekluti li kienu għadhom fil-perjodu ta' taħriġ. Fl-ewwel ġurnata tal-Akkademja, Elisia ukoll kienet eċitata, u dan għaliex din kienet ser tkun esperjenza ġdida, fejn kienet se tiltaqa` ma' ħafna nies ġodda u fuq kollox għaliex dan kien xogħol ġdid għaliha. Elisia wkoll saħqet li dan iż-żmien kien utli ferm sabiex huma jkunu kapaċi jaqdu dmirijiethom b'mod mill-aktar effettiv u xieraq. Kien ukoll żmien li mmaturaha aktar, fis-sens li nissel fiha aktar sens ta' responsabbilita`. Elisia tgħozz ukoll il-fatt, li ġewwa l-Akkademja hija ħassitha membru f'familja kbira. Waqt il-*live-in,* qalet li hawn kellha l-opportunita` sabiex issir taf lil oħrajn iktar mill-viċin u rrealizzat aktar kif kulħadd għandu l-mod tiegħu ta' kif jgħix. Finalment il-*live-in* kien esperjenza pożittiva ferm għal Elisia u r-*root marches* kienu xi ħaġa li laqtuha b'mod partikolari. Elisia wkoll qieset iż-żmien li huma qattgħu ġod-distretti u l-branki bħala żmien li minnu bbenefikat ħafna.  Dan għaliex hija kellha l-opportunita` tosserva l-aspett prattiku li huma kienu tgħallmu dwaru ġewwa l-Akkademja. Elisia tħares b'mod pożittiv ferm lejn il-karriera tagħha fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, interessata sabiex tkompli titgħallem u determinata sabiex taqdi dmirijietha bl-aħjar mod possibbli.  Dan sabiex tagħti servizz xieraq liċ-ċittadini u lis-soċjeta`.

kurt-dilan.underwood@gov.mt

# Ċerimonja ta' Għoti ta' Medalji u Ċertifikati 12 ta' Lulju 2012

minn WPS 101 Roberta Grima - CMRU





Nhar it-12 ta' Lulju jew kif nafuha aħjar bħala Jum il-Pulizija, kien ferm impenjattiv għal bosta uffiċjali tal-korp. Uħud minnhom kienu involuti fil-*Guard of Honour,* oħrajn fil-Banda tal-Pulizija, oħrajn fl-organizazzjoni tal-avvenimenti u oħrajn f'xi *traffic point* sabiex kollox jimxi skond il-programm.

Għal bosta minna kienet ġurnata iebsa speċjalment kawza tat-temp li għal dak il-jum partikolari kien kemm xejn kattiv b'temperatura tlaħħaq mal-40 grad.

Għalkemm is-sħana għamlet tagħha, numru kbir ta' Pulizija kienu preżenti fis-Sala Vilhena sabiex jingħataw ċertifikati ta' mertu u medalji u *clasps* għal servizz twil u effiċjenti.

Attenda għal din iċ-ċerimonja għal ewwel darba, l-Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi li flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, għamlu diskors tal-okkazjoni.

Il-Kummissarju tal-Pulizija beda d-diskors tiegħu billi saħaq kemm huwa onorat li għal ewwel darba fostna, f'din iċ-ċerimonja kien hemm preżenti l-Prim Ministru ta' Malta.

Fil-kelmtejn tiegħu, is-Sur Rizzo semma` kif ix-xogħol tagħna lkoll m'huwiex wieħed faċli u huwa tajjeb li jiġi rrikonoxut mill-Istat. Il-Kummissarju semma` kif aħna bħala Pulizija, inħabbtu wiċċna man-nies tat-triq li ħafna drabi jkunu fl-għar ċirkostanzi. Huwa xogħol il-Pulizija li jnaqqas ir-rata ta' kriminalita` u jirregola dak li nafuh bħala *anti-social behaviour.* Għalhekk, saħaq il-Kummissarju, għandna nżommu l-kalma sabiex nagħmlu xogħlna mingħajr xkiel.

Is-Sur Rizzo ndirizza lil madwar 130 Pulizija li ħadu l-medalja għal servizz twil u effiċjenti u saħaq li dan għalihom huwa mument speċjali li hu stess għadda minnu, għalhekk jaf x'qed iħossu dawn il-Pulizija. Huwa feraħ lil dawn l-uffiċjali u rringrazzjhom tas-servizz li taw u li ser ikomplu jagħtu. 25 uffiċjal ieħor ngħataw l-ewwel u t-tieni *clasp.*

Wara t-tqassim tal-medalji, bdiet iċ-ċerimonja tat-tqassim taċ-ċertifikati. Il-Kummissarju, fakkar kif il-Korp tal-Pulizija ntroduċa s-sistema ta' ċertifikati ta' mertu. Bis-saħħa t'hekk, il-Korp mhux biss jieħu passi dixxiplinarji kontra il-Pulizija tiegħu meta dawn ikunu naqsu minn dmirijiethom, iżda anke juri rikonoxximent lil dawk li jkunu marru lilhinn mid-doveri tagħhom, kif ukoll poġġew ħajjithom f'periklu biex jgħinu liċ-ċittadin. Is-Sur Rizzo semma` kif dawn il-Pulizija li ddistingwew ruħhom nesew il-pjaċir u għamlu d-doveri tagħhom meta kienu fl-*off-duty* tagħhom, u dan huwa xhieda ta' kemm il-Pulizija huma vera xogħol ta' 24 siegħa, kuljum.

Din is-sena tliett Pulizija, ilkoll stazzjonati l-*Mobile Squad* ħadu ċ-ċertifikat ta' mertu hekk kif meta kienu *off-duty* urew dedikazzjoni lejn dmirijiethom.

PS 524 Paul Cassar ħa iċ-ċertifikat talli nhar l-4 ta' Frar 2012 waqt li kien *off-duty,* wera dedikazzjoni lejn xogħolu meta qabdet residenza ta' ġar tiegħu u ta' l-ewwel għajnuna sabiex jintefa' n-nar sakemm waslu fuq il-post il-Pulizija tad-distett.

PC 555 Fabio Schembri ġie ikkomendat talli fis-16 ta' Diċembru 2011 f'Tal-Pieta` waqt li kien frank, irnexxielu jarresta żewġ persuni li kellhom fil-pussess tagħhom il-pjanta kannabis.

PC 1606 Robert Vassallo ngħata ċertifikat talli nhar is-7 ta' Jannar 2012 f'Ta' Qali, waqt li kien *off-duty* rnexxielu jarresta żewġ persuni li kienu għadhom kemm ikkommettew numru ta' serqiet minn karozzi li kienu pparkjati f'dik il-lokalita`.

Dr Gonzi li l-poplu jserraħ rasu fuq il-professjonalita`, it-taħriġ u l-esperjenza tal-Pulizija sabiex jipproteġu liċ-ċittadin u jiddefendu d-demokrazija. Il-Prim Ministru għaraf ukoll l-isfidi tal-Pulizija li huma tal-ewwel sabiex jiġġieldu l-kriminalita`, "b'sogru kbir għal ħajjitkom, jirnexxilkom trazznu l-periklu għal ħaddieħor".

Huwa saħaq li l-ħidma tagħna tagħmel impatt kemm fuq l-ekonomija tal-pajjiż kif ukoll fuq it-turiżmu. "L-investituri barranin kif ukoll it-turisti jagħzlu pajjiż ***safe*** li joffri kwalita` ta' ħajja u sigurta`", tenna jgħid Dr Gonzi.

Il-Prim Ministru qal kif fil-Korp tal-Pulizija sar tibdil radikali; tibdil marbut mal-liġi, mal-proċedura u r-regolamentazzjoni nterna u kif wieħed iħares 'il quddiem. "Hi okkazzjoni biex inħarsu fil-fond u naraw x'tibdil hemm bżonn fil-Korp tal-Pulizija, biex inġeddu l-viżjoni tagħna għall-Korp tal-Pulizija, biex pajjiżna jkun dejjem aktar ippreparat biex jiġġieled il-kriminalita` li kull ma tmur qed issir aktar sofistikata, biex insaħħu r-rabta bejn il-membri tal-Korp u l-pubbliku, biex nipproteġu aktar lil min hu vulnerabbli u biex ix-xogħol ta' kull wieħed u waħda minnkom jagħtikom sodisfazzjon akbar".

Kien hawn li Dr Gonzi ħabbar li ser jitwaqqaf kumitat ta' strateġija li l-għan tiegħu huwa li nħarsu 'l quddiem.

L-Onorevoli Prim Ministru temm id-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-membri tal-Korp, lill-familji, lin-nisa, l-irġiel u lill-ulied tal-membri tal-Korp għas-sagrifiċċji kollha li jagħmlu sabiex il-Korp tal-Pulizija jibqa` għaddej bil-ħidma tiegħu.

roberta.a.grima@gov.mt

Waqt l-istess ċerimonja, 19-il Pulizija ħadu ċertifikat talli ma ħadux *sick leave* għal tul ta' żmien filwaqt li 25 ex-Pulizija ħadu ċertifikati ta' tmiem tal-impjieg.

Iċ-ċerimonja ġiet fi tmiemha b'diskors formali mill-Prim Ministru, Dr Lawrence Gonzi. Fid-diskors tiegħu l-Prim Ministru saħaq kemm huwa onorat li qiegħed fostna għal ewwel darba sabiex "nuru l-apprezzament u l-gratitudni tagħna lejn dawn l-uffiċjali għad-dedikazzjoni u impenn tagħhom fil-qadi ta' dmirijiethom matul is-snin".





# It-Twaqqif tal-*Malta Police Association Shooting Club*

mill-Assistent Kummissarju Pierre Calleja – CID



Kienet xi ħaġa ferm mistennija min-numru ta' membri fil-Korp u forsi mhux daqstant minn oħrajn. Il-fatt huwa iżda, li llum il-ġurnata l-Korp għandu l-klabb tal-isparar tiegħu, imwaqqaf b'liġi taħt l-isem *Malta Police Association Shooting Club* sabiex dawk kollha li jħaddnu dan id-delizzju tal-isparar sportiv ikunu jistgħu jsiru membri fih u jgawdu minn attivitajiet li hemm il-ħsieb li jiġu organizzati fil-futur.

Matul din il-kitba, ser nipprova nagħmel elenku ta' x'wassal, x'kien jirrikjedi u x'inhuma l-għanijiet ta' dan il-klabb biex wieħed jifhem aħjar x'kienu l-iskopijiet prinċipali u sekondarji tat-twaqqif tiegħu.

Meta wieħed jitkellem fuq l-armi tan-nar ikun probabbilment destinat li f'xi ħin jew ieħor ser jidħol f'kontroversja peress li hemm opinjonijiet diversi dwar x'għandu u sa fejn għandu jkun permessibbli bil-liġi f'dak li jitratta l-importazzjoni, iż-żamma u l-użu tal-armi tan-nar.

Madanakollu, jekk wieħed jagħmel riċerka bażika, isib li kuntrarju għal dak li forsi wieħed jaħseb, hawn ħafna nies f'Malta li huma dilettanti tal-armi tan-nar u tal-isparar bil-mira, li fi kliem aktar sempliċi u familjari jfisser target shooting. Naturalment, dan l-element qawwi jeżisti wkoll fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Jidher li dan l-entużjazmu żdied matul dawn l-aħħar snin, l-aktar minn mindu daħlu fis-seħħ liġijiet ġodda li jittrattaw iż-żamma u l-użu sportiv tal-armi tan-nar.

Rajna evoluzzjoni sħiħa fejn matulha ġew imwaqqfa diversi klabbs għal dan il-għan u li fi ħdanhom hemm numru ta' membri li lkoll huma entuzjasti fl-isparar kompetittiv. Qed naraw ukoll, u dan forsi minħabba l-fatt li pajjiżna huwa limitat fil-postijiet ta' fejn wieħed jista' jipprattika dan l-isport b'ċertu tipi ta' armi tan-nar - partikolarment fejn jinvolvi armi tan-nar twal - kultura fejn saħansitra entużjasti Maltin qed imorru jipprattikaw dan l-isport barra minn Malta, bl-aktar destinazzjoni popolari tkun dik tal-ġirien tagħna fi Sqallija.

M'hemmx dubju wkoll li l-importazzjoni tal-armi f'Malta żdiedet b'rata mgħaġġla u mingħajr ma wieħed joqgħod jidħol f'kontroversji ta' jekk hux sewwa jew le - peress li mhux is-suġġett ta' dan l-artiklu - tajjeb li wieħed dejjem iżomm saqajh mal-art u għajnejh miftuħin f'dak kollu li jikkonċerna l-kontroll u l-użu tal-armi tan-nar.

Biex wieħed jifhem aħjar x'kienet ir-raġuni wara t-twaqqif ta' dan il-klabb, tajjeb li mingħajr ma noqgħodu nidħlu fil-fond, issir referenza għal dak li tgħid il-liġi tal-armi u ċioe` l-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u liġijiet sussidjarji tal-istess Kapitlu, b'parenteżi wkoll għal xi regoli interni li jeżistu fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Jekk wieħed sempliċement jagħti titwila, jara x'jirrikjedi biex illum il-ġurnata persuna tottjeni liċenzja. Per eżempju waħda mill-aktar liċenzji rikjesti hija liċenzja A ta' sparatur fuq targets. Tnejn mir-rekwiżiti biex dan ikun jista' jseħħ huma li fl-ewwel lok, l-applikant li jkollu l-ħsieb li jeżerċita` dan l-isport ta' sparar jidħol membru fi klabb – fit-tifsira tiegħu fl-Att dwar l-Armi. Fit-tieni lok, huwa neċessarju li l-applikant ikun attenda b'suċċess kors dwar l-użu ta' armi tan-nar mingħajr periklu, organizzat mill-istess klabb jew minn xi korp ieħor jew awtorita` oħra rikonoxxuta mill-Bord dwar l-Armi.

Kien ovvju, fl-opinjoni umli tiegħi, li diment li daħlet din il-liġi fis-seħħ, kien ser ikun hemm xi diffikultajiet fejn jikkonċerna l-membri tal-Korp tal-Pulizija fis-sens illi membri tal-Korp tal-Pulizija huma, sa ċertu punt, preklużi b'regoli interni milli jkunu membri fi klabb privat jew xi ħaġa simili.

Bħala membru tal-Korp entuzjast fl-armi tan-nar u dilettant tal-isparar sportiv, kont ħassejt li kellu jsir xi ħaġa sabiex din id-diffikulta` tiġi ndirizzata. Fil-verita` stajt għamilt bħalma kienu diġa` għamlu xi membri oħra tal-Pulizija li huma dilettanti bħali jew aktar minni, u ċioe` li mmur u ningħaqad ma' klabb privat, iżda dejjem emmint li dan seta' b'xi mod iwassal għal xi tip ta' konflitt ta' interess fix-xogħol tiegħi.

Ħaġa'ħra li dak iż-żmien kont rajt li kienet tistona xi ftit kien il-fatt li membru tal-Korp tal-Pulizija kellu jirrikorri għand klabb privat sabiex jagħmel il-kors ta' taħriġ fl-immaniġjar tal-armi tan-nar mingħajr periklu. Dan meta l-istess Korp kien jipprovdi dan lill-membri tiegħu – għalkemm forsi limitat għall-użu tal-pistoli. Aktar minn hekk, l-istess membri jieħdu taħriġ regolari u ħafna minnhom illum il-ġurnata huma awtorizzati u fdati – f'ċertu ċirkostanzi – li jġorru arma tan-nar waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Għalhekk fil-fehma tiegħi, dan kollu ma kienx qed jagħmel sens.

Għaldaqstant, kienet inħasset in-neċessita` li kellu jsir xi ħaġa biex din id-diffikulta` tiġi megħluba u għalhekk fil-bidu tas-sena 2008, jiena kont għamilt rapport li fih kont elenkajt sitwazzjonijiet li fl-opinjoni tiegħi setgħu jwasslu għal xi diffikultajiet u kif ukoll kont għamilt rakkommandazzjonijiet biex dawn id-diffikultajiet jiġu minimizzati, fosthom li jitwaqqaf il-klabb tal-Pulizija. B'hekk jiġu evitati xi konflitti ta' interess li setgħu jinħolqu jekk uffiċjal tal-Pulizija jkun membru fi klabb privat. L-għan prinċipali kien propju dan, iżda għan ieħor kien li l-istess klabb jagħmel il-korsijiet lill-membri tiegħu jew inkella jassisti fit-taħriġ bażiku li jingħata fl-Akkademja tal-Pulizija.

Sussegwentement kienu saru diversi laqgħat mal-Kummissarju biex wieħed jiddentifika kif kien l-aħjar mod li jitwaqqaf dan il-klabb u filfatt kien ġie deċiż, u dan wara li kienu saħansitra ttieħdu pariri legali, li l-klabb kellu jitwaqqaf taħt il-kappa tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija. Fil-frattemp kien diġa` ġie ppreparat u abbozzat l-istatut tal-klabb – u f'dan l-istadju nixtieq nirringrazzja personalment lis-Supretendent Silvio Valletta tal-għajnuna li huwa kien offra sabiex dan seta' jseħħ.

Wara dan kollu bdew isiru arranġamenti sabiex dak kollu li kien ġie approvat, jiġi eventwalment attwat u għalhekk kienet inħasset in-neċessita` li jinħatar kumitat biex jara u jamministra l-bżonnijiet bil-għan li l-istess klabb jiġi stabbilit skond il-liġi. Filfatt dan il-kumitat kien ġie maħtur u huwa kompost minn membri tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija u uffiċjali oħra. Il-ħidma ta' dan il-kumitat bdiet u baqgħet għaddejja b'ritmu mgħaġġel – b'laqgħat miżmuma frekwenti u dan sabiex isir dak kollu biex jiġu espletati l-formalitajiet neċessarji biex il-klabb jiġi legalment rikonoxxut.

Aktar minn hekk, bdew isiru preparamenti loġistiċi sabiex diment li dan il-klabb ikun legalment stabbilit, kienu setgħu jiġu milqugħa applikazzjonijiet ta' dawk il-membri kollha tal-Pulizija li huma interessati. Dan kien jinvolvi wkoll li l-membri tal-kumitat jieħdu kors sabiex lkoll jiġu kkwalifikati bħala



*range conducting officers (RCO)* biex b'hekk huma jkunu awtorizzati li jimmaniġjaw l-operat ta' sparar fuq ir-ranges.

Illum il-ġurnata, il-klabb ġie mwaqqaf skont il-liġi u diġa` qed jilqa' applikazzjonijiet tal-membri tal-Korp li jridu jidħlu membri. Sabiex wieħed japplika, tista' tinġabar formola mis-segwenti uffiċċini:-

L-uffiċċju tal-Ispettur R Stivala – Skwadra tar-Reati Ekonomiċi;
L-Akkademja tal-Pulizija – Surġent 12 A Grech;
Reġjun A – mill-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal il-Ġdid – Surġent 1480 S Mallia;
Reġjun B – mill-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta – Surġent 935 P Cassar;
Uffiċċju tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija.

Jiġi spjegat lill-applikanti x'ikunu r-rekwiżiti li għandhom jakkompanjaw l-istess applikazzjoni.

Il-klabb qiegħed ukoll fil-fażi li jagħmel dawk l-arranġamenti neċessarji sabiex fil-futur qarib jibda jorganizza sezzjonijiet ta' taħriġ u kompetizzjonijiet ta' sparar għall-membri tiegħu li nispera li dawn ikunu f'numru kbir.

Ma nistax nikkonkludi mingħajr ma nirringrazzja lil sħabi kollha membri tal-kumitat li b'dedikazzjoni u professjonalita` għamlu xogħol siewi biex dan kollu seta' jimmaterjalizza u kif ukoll lill-Kummissarju tal-għajnuna kontinwa tiegħu biex jiffaċilita` dan kollu.

Finalment, fuq nota personali, ma nistax f'dan il-mument ma niftakarx f'dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw lili u membri oħra tal-Korp tagħlim fl-użu tal-armi tan-nar b'mod partikolari dawk li jiena ħdimt magħhom fil-perjodu li kont stazzjonat fis-Sezzjoni tal-Ballistika, u li lejhom jiena nibqa' dejjem grat.

pierre.calleja@gov.mt

# Rapport amministrattiv tas-Segretarju Ġenerali

minn PS 478 Neville Mercieca - Segretarju Ġenerali MPA

Ir-rapport amministrattiv hu għodda importanti li permezz tiegħu wieħed jagħti ħarsa lura lejn il-ħidma li tkun saret mill-aħħar konferenza ġenerali. Dan ir-rapport ikopri perjodu ta' 15–il xahar u jipprova jagħti stampa ċara ta' dak li ġara f'dawn is-suġġetti li huma iktar ta' nteress ġenerali milli jidħol fuq punti żgħar li jistgħu jiddentifikaw persuna jew persuni li jkunu rrikorrew għand l-Assoċjazzjoni.

Ma kienx żmien faċli għall-Kumitat Eżekuttiv, anzi dan kien perjodu fejn f'pajjiżna kien qed jiġi effettwat minn tibdiliet internazzjonali u ekonomiċi, bil-kriżi finanzjarja tieħu post prominenti fil-ħajja tagħna. F'dan ix-xenarju, l-importanti kien li nibqgħu inżommu dak li għandna u li ksibna matul is-snin, mingħajr ma jintilef xejn minnu, kif inhu l-każ f'pajjiżi barranin. L-MPA użat ħafna mill-enerġija tagħha sabiex tassigura li l-membri tal-Korp ma jaqgħux lura, ikkomparati ma' ħaddiema oħra fiċ-ċivil f'pajjiżna stess. Dan huwa punt li sfortunatament matul iż-żmien ma tantx taw kasu u llum hija ferm iktar diffiċli sabiex nerġgħu niġu f'livelli fejn konna żmien ilu, fejn Pulizija kien l-istess livell bħal għalliem.

Minkejja dan kollu, aħna ma naqtgħux qalbna. Għalkemm b'riżorsi limitati ħafna u mingħajr għodda legali sabiex naħdmu, dan l-aħħar żmien nidhru li qiegħdin insibu post fil-*media,* fejn l-assoċjazzjoni qegħda tingħata importanza, speċjalment meta tinħareġ stqarrija għall-istampa min-naħa tagħna. Sfortunatament, bħal dejjem issib li jkun hawn persuni minn ġewwa li jippruvaw jagħtu stampa ħażina tal-assoċjazzjoni billi jagħtu informazzjoni żbaljata lil xi ġurnalist li jaħseb li jkun akkwista xi storja nteressanti, li fil-verita` ma tkun twassal għal imkien. Matul din is-sena, ksirna kull rekord ta' kemm inħarġu stqarrijiet għall-istampa u ta' kemm kien hemm servizzi fuq l-Assoċjazzjoni fuq il-*media.* Minkejja dan, ma nistgħu noqgħodu qatt kajmani u nistennew il-bajtra taqa` f'ħalqna. Irridu nkunu iktar aggressivi u nkomplu naħdmu kontra l-kurrent għall-ġid tal-membri tagħna. Dan irid isir fi sfond fejn hawn persuni oħrajn li għandhom interessi oħrajn, per eżempju fil-każ tal-*inhouse union,* li għalkemm mal-ewwel daqqa t'għajn ikunu jidhru iktar attrajenti, matul iż-żmien dawn is-soluzzjonijiet ma jkunux dawk li l-aktar jgħoddu għas-settur bħal tagħna.

Qegħdin ngħixu fi żmien ta' kriżi ekonomika internazzjonali u instabbilta` politika f'pajjiżi ġirien. Qegħdin ukoll ngħixu fi żmien fejn ukoll fix-xenarju politiku Malti, għaddejna minn żmien ta' inċertezza. Għalkemm dan m'għandux direttament x'jaqsam max-xogħol tagħna, dan itellef lill-persuni li aħna ninnegozzjaw u nitkellmu magħhom sabiex inġibu kundizzjonijiet aħjar, u b'hekk kollox jaqa` lura. Matul din l-aħħar sena, għamilna sforz kbir sabiex aħna nibqgħu fuq l-aġenda ta' ċerti persuni. Għalkemm mhux dejjem irnexxielna, morna aħjar minn dak li rnexxielna nagħmlu snin oħra. Għalkemm ħdimna ħafna, din mhux dejjem tinħass fost il-membri għaliex meta jsiru ċerta laqgħat, ma tkunx tista` toqgħod tagħmel ċerta ħoss għaliex dan jikkomprometti dak li jkun qiegħed isir fil-laqgħat, iżda nista` nagħti garanzija li l-Kumitat kollu ħadem kemm felaħ sabiex ikun il-leħen tal-membri tal-Korp f'dawn il-laqgħat.

B'dan kollu f'moħħna, irridu nintensifikaw il-ħidma tagħna. Ma nistgħux nieqfu. Moħħna għandu jkun konċentrat biss fuq il-ħidma tagħna. Il-membri tagħna jippretendu servizz, u dan għandu jkun professjonali. Għandna nippreparaw iktar ruħna sabiex inkunu kapaċi naffaċċjaw il-problemi li sejrin jinqalgħu għada.

**Laqgħat:**

Il-Kumitat Eżekuttiv iltaqa' 18-il darba. Saru diversi laqgħat mal-Kummissarju fejn ġew diskussi diversi suġġetti li jolqtu l-Korp in ġenerali, kif ukoll materji fejn membri individwali jkunu talbu l-assistenza tagħna.

Saret ukoll laqgħa mal-Prim Ministru u żewġ laqgħat uffiċjali ma' Dr C Mifsud Bonnici, li kien il-Ministru responsabbli mill-Pulizija. Saru ukoll tliet laqgħat mhux uffiċjali iżda awtorizzati mill-Kumitat Eżekuttiv bejn is-Segretarju Ġenerali u Dr Mifsud Bonnici sa-

biex jiġu ċċarati iktar fid-dettal punti li jkunu ġew diskussi fil-laqgħat mal-Kumitat Eżekuttiv.

Il-Kumitat Eżekuttiv ukoll iltaqa` mat-tmexxija tal-GWU fejn dawn min-naħa tagħhom offrew l-appoġġ tagħhom għat-talbiet tal-MPA.
Bejn il-5 u 7 ta' Mejju 2011, saru laqgħat informattivi għall-membri tal-MPA sabiex jiġi spjegat dak li kien ġie offrut mill-Ministru tal-Intern għall-membri tal-Korp fuq it-talba ta' ħidma ta' sigħat żejda li saret mill-MPA, għan-nom tal-membri permezz ta' protest ġudizzjarju.

Wara dawn il-laqgħat, kien jidher li sejrin jinfetħu laqgħat ulterjuri sabiex il-pakkett offrut dak iż-żmien jiġi mtejjeb. Waqt laqgħa li saret fis-17 ta' Mejju 2011 fil-Ministeru tal-Intern, ġejna mitluba sabiex inressqu t-talbiet tagħna peress li kien jidher ċar li dak li ġie offrut ma kienx qiegħed jissodisfa kemm lil MPA kif ukoll lill-membri. Sfortunatament konna ġejna mwegħda li kellha ssir laqgħa oħra ġimgħa wara, iżda din baqgħet qatt ma saret, avolja b'mod regolari u bil-miktub, il-Kumitat Eżekuttiv talab sabiex din il-laqgħa ssir.

Saret laqgħa ukoll ma' Dr P Borg Olivier, Segretarju Ġenerali tal-PN fejn dan ingħata stampa ċara ta' dak li aħna, bħala assoċjazzjoni għaddejjin minnha u li qegħdin niġu njorati totalment mill-Gvern. Dr P Borg Olivier wiegħed l-għajuna tiegħu sabiex l-affarijiet jittranġaw iżda sal-lum anki f'dan il-każ ma ġara xejn.

**Stqarrijiet għall-istampa:**
Dan il-Kumitat mill-bidu ħass li l-problemi li jaffettwaw il-membri tal-Korp għandhom jinħarġu fil-*media* sabiex il-pubbliku ċivili jkun jaf minn x'hiex ngħaddu. Dan ovvjament fejn huwa possibli għaliex ma tistax toħroġ kollox minħabba n-natura tax-xogħol tagħna.

Il-vjolenza fuq il-membri tal-Korp huwa punt li ttieħed b'serjeta` minn dan il-Kumitat. Filfatt inħarġu tliet stqarrijiet għall-istampa fejn il-Gvern ġie mitlub li jiħraxu l-pieni. L-MPA talbet ukoll li persuni li jinstabu ħatja fuq reati bħal dawn, iridu jingħataw sentenza ta' priġunerijja effettiva. Dawn it-talbiet ġew milqugħa u ġew imressqa fil-Parlament f'abbozz ta' Liġi numru 97.

Ħriġna ukoll stqarrijiet li jirrigwardjaw il-unjin għall-membri tal-Korp. Dawn servew sabiex aħna noħorġu l-proposti tagħna kif ukoll wassalna l-messaġġ ta' unjins oħrajn barranin fejn dawn urew nuqqas ta' qbil ta' kif ġie mressaq l-abbozz u l-mod ta' kif ġejna ttrattati.

**Korrispondenza:**
Matul dan il-perjodu, ġiet mibgħuta diversi korrispondenza kemm lokali u kemm internazzjonali. Din tinvolvi ittri lill-Prim Ministru, lill-Ministru tal-Intern, lill-Kummissarju tal-Pulizija, entitajiet lokali u membri tac-CESP.

**CESP:**
Peress li l-komunikazzjoni ma' sħabna Pulizija Ewropej hija importanti, delegazzjonijiet mill-MPA attendew:

Seminar ġewwa Ċipru fejn saret ukoll protesta b'solidarjeta ma' xi Pulizija Ċiprijotti li ġew imkeċċija mix-xogħol minħabba azzjonijiet li ħadu. (xellug)







**Kumitat Eżekuttiv fil-Montenegro.**
Kungress ġewwa Santander, Spanja fejn saret enfasi fuq il-problemi li għandna Malta u fuq kif qegħda tiġi trattata l-kwistjoni tal-*union* għall-membri tal-Korp.

Is-Segretarju Ġenerali tal-MPA ġie nnominat ukoll awditur tac-CESP għal perjodu ta' 3 snin. www.cespolice.eu

***Inhouse Union* għall-membri tal-Korp:**
Sa mill-2004, l-Assoċjazzjoni ilha titlob lill-Gvern permezz tal-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar sabiex aħna jkollna l-*unjin* tagħna li din tkun tista` tirraprezenta l-interessi tal-membri tagħha b'mod iktar effettiv u effikaċi.

Meta fl-2009, kien għadu ma seħħ xejn u wara li ġie ppreżentat ir-rapport tal-Arbitraġġ lill-Onor Prim Ministru, l-Assoċjazzjoni ħejjiet rapport dettaljat rigward dak li ġie inserit ġdid fil-karta tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej, speċjalment artiklu 12, li din hija annessa mat-trattat ta' Lisbona u ppreżentatu lill-Ministru tal-Intern. Il-Ministru jidher li ħa nteress f'din il-biċċa u wegħdna li sejjer jaħdem fuqha. F'mistoqsija parlamentari numru: 22744, imwieġba f'Jannar 2011, l-Onor Prim Ministru kien qal li sa Marzu 2011, l-MPA kellha tingħata l-libsa legali ta' *unjin.* Għalina kienet sorpriża għaliex ma konniex infurmati, iżda meta Marzu ġie u għadda, u ma seħħ xejn, l-Assoċjazzjoni bdiet tikkomunika mal-Ministru sabiex tara x'ġara. Dan qalilna li l-abbozz lest u kemm jiġi preżentat fil-Parlament. F'Settembru 2011 dan l-abbozz (numru 97) ġie ppreżentat u kien f'dak il-mument li aħna sirna nafu dawn il-proposti ġodda x'kienu għaliex fl-ebda stadju aħna ma konna kkonsultati.

Mill-ewwel beda juri li dak li ġie ppreżentat ma kienx dak li aħna xtaqna u għamilnhieha ċara li m'aħniex naqblu ma' dak li kien hemm miktub. Ir-raġuni prinċipali kienu l-azzjonijiet li l-MPA tista` tieħu f'każ ta' nuqqas ta' qbil. Aħna għamilna l-proposti tagħna u dawn qegħdin ukoll mdaħħla f'dan il-ktejjeb. Waqt laqgħa li kellna mal-Prim Ministru, din it-tema ġiet diskussa u l-Gvern qiegħed jara x'jista` jsir f'dan ir-rigward, iżda jidher li sfortunatament, kollox jieħu fit-tul fejn jidħlu l-Pulizija.

Fl-20 ta' Settembru 2011, ġiet irreġistrata ittra uffiċjali fil-Qorti rigward il-*unjin.*

**Riżenji:**
Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Sur Neil Harrison u lis-Sur Mario Rotin li kienu membri tal-Kumitat Eżekuttiv u rriżenjaw. Nixtiequ ukoll nirringrazzjaw lil Dr Antoine Casha li rriżenja minn delegat tal-Assoċjazzjoni.

Sabiex dawn il-postijiet vakanti jerġgħu jimtlew, is-Segretarju Ġenerali, ħareġ ir-*writ* f'April 2012, iżda sfortunatament ħadd ma wera x-xewqa li jidħol għall-dawn il-postijiet.

**Laqgħa mal-Onor. Prim Ministru:**
Fis-16 ta' April 2012, wara li saret talba uffiċjali mill-MPA, il-Kumitat Eżekuttiv iltaqa` mal-Prim Ministru ġewwa Kastilja, fejn ġew diskussi diversi temi, fosthom ġie mqajjem il-punt tat-talba tal-*overtime.* Aħna ddiskutejna fit-tul fuq dan il-punt iżda b'sorpriza għalina, smajna għall-ewwel darba minn ħalq il-Prim Ministru li m'hemmx flus dovuti skond il-parir li huwa għandu mill-Avukat Ġenerali. Aħna tlabna li din it-tweġiba tiġi bil-miktub sabiex tkun uffiċjali mill-Gvern u b'hekk inkunu nistgħu ninfurmaw lill-membri tagħna.

***MPA Shooting Club:***
Ġie mwaqqaf l-*MPA Shooting Club.* Il-President tal-Kumitat li qiegħed jieħu ħsieb l-affarijiet amministrattivi huwa s-Supretendent Antonello Grech li f'dawn l-aħħar xhur flimkien mat-*team* kollu ħadmu sabiex jinħarġu l-permessi meħtieġa. Aħna nixtiequlhom kull suċċess u ħidma twila.

Ħbieb, kif qed taraw għamilna ftit xogħol mhux ħażin imma baqa` ħafna u ħafna aktar xogħol xi jsir. Ma nħallu lill ħadd jaqtagħlna qalbna u dejjem nimxu skond il-liġijiet tal-pajjiż. Bi ftit għajnuna ta' kulħadd, forsi xi darba naslu.

# L-Affidavit fi proċeduri Kriminali

mill-Assistent Kummissarju Dr  Antoine Casha B.A., LL.D

Huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat, u li ġġib il-ħatjin, kemm l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja.  Hekk jgħid l-Artiklu 346 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitlu 9).  Min jaf kemm tambrulna fuqu dan il-provediment tal-liġi.  Fih għandek parti sewwa tal-proċess penali (kriminali) Malti li jassigura li ssir ġustizzja skond il-liġi.

Ħolqa essenzjali f'dan il-proċess hi dik tal-ġbir tal-provi li jitressqu quddiem dik l-awtorita` ġudizzjarja kompetenti li, fuq dawk il-provi li jinġiebu quddiema (u dawk biss li hemm quddiema) tiddeċiedi fuq il-ħtija jew le ta' dik il-persuna li tressqet mill-Pulizija biex twieġeb għall-akkużi miġjuba kontriha.

Regoli importanti fuq il-provi nsibuhom fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitlu 12) li bis-saħħa tal-Artiklu 520 tal-Kodiċi Kriminali huma applikabbli wkoll għal proċeduri kriminali; fosthom insibu:

558. Kull prova għandha tkun **rilevanti** għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet;

559. Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib. (Għandha tinġieb l-aħjar prova);

560. (1) Il-qorti għandha **tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija żejda**, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib; u

562. Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, **l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah**.

Dawn huma prinċipji importanti li wieħed għandu jżomm f'moħħu mhux biss meta jkun se jixhed ***viva voce*** iżda ukoll meta jkun qiegħed jipprepara l-affidavit tiegħu dwar xi każ partikolari.

Fi proċeduri kriminali, bħala regola ġenerali, x-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u *viva voce* (Artiklu 646, Kapitlu 9).  Iżda fl-2002 daħlet emmenda fil-Kodiċi Kriminali (Artiklu 360A) li permezz tagħha uffiċjal pubbliku (per eżempju Pulizija) jew impjegat jew uffiċjal ta' Korp maqgħud imwaqqaf b'liġi (per eżempju *Malta Financial Services Authority),* jista'



taħt ċertu kundizzjonijiet jipprezenta x-xiehda tiegħu fil-Qorti permezz ta' affidavit – bażikament stqarrija bil-miktub li tkun ġuramentata.

Dan jista' isir għal dawn r-reati:

(a) il-kontravvenzjonijiet kollha msemmijin fil-Kodiċi Kriminali ;
(b) id-delitti msemmijin fil-Kodiċi Kriminali meta jaqgħu taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, jew tal-priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur biż-żieda jew mingħajrha tal-multa jew tal-interdizzjoni;
(ċ) ir-reati kollha ikkontemplati f'liġijiet oħra meta jaqgħu taħt il-pieni msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan, jekk il-liġi ma tkunx tiddisponi xort'oħra.

Wieħed isib ukoll provediment fl-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap.291) li jipprovdi sabiex il-prova tista' ssir permezz ta' affidavit fi proċeduri quddiem it-Tribunali.

**X'għandu jkun fih l-affidavit**?

Biex wieħed jirrispondi din il-mistqosija bilfors irid iżżomm f'moħħu dawk l-akkużi/*charges* li bihom qed jiġi akkużat persuna quddiem il-Qorti.  Dawn l-akkużi jkunu ħarġu fuq dak li int rajt/smajt lill-akkużat jagħmel/jgħid jew is-sehem tiegħek f'dik l-investigazzjoni partikolari.

Meta rajt dan il-ksur tal-liġi diġa f'moħħok għandek l-elementi ta' dak ir-reat partikolari – eż. traġit ta' vetturi fil-ħinijiet tal-iskola.  Dan filfatt jsir f'temp qasir ħafna. Meta inti waqaft lis-sewwieq, għamilt hekk għax taf

u rajt lis-sewwieq f'żona li kien ipprojbit li jagħmel dan f'dik il-ġurnata partikolari (jum tal-iskola) u f'ħin partikolari (il-ħin li hemm indikat fuq it-tabella).

Mela, f'dan l-eżempju, l-affidavit tiegħek tal-anqas irrid ikun fih:

- id-data li fih osservajt il-ksur tal-liġi u żżid tgħid li kienet ġurnata tal-iskola;
- il-ħin li rajt dan iseħħ, marbut ma' xi tabelli jew in dikazzjonijiet oħra li juru li t-traġit ta' vetturi ma kienx permess f'dak il-ħin li int osservajt din il-vet tura tinstaq f'dik it-triq;
- in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura;
- l-identita` tal-persuna li kienet qed issuq dik il-vettura – mhux biss in-numru tal-karta tal-identita` iżda d-dettalji kollha tiegħu – inkluż x'indirizz li jista` jkun differenti minn dak li jista` jkun hemm fuq il-karta tal-identita`.

Jista' jagħti l-każ li dan li qed insemmi hawn fuq ikun jirrikjedi li tniżżel xi informazzjoni oħra – dejjem skont il-każ partikolari u l-akkużi/*charges* li int ħriġt kontra dik il-persuna partikolari.

L-importanti li wieħed jżomm f'moħħu dawk il-prinċipji li semmejna aktar 'il fuq, li:-

- minn jallega xi fatt irid jipprovah;
- prova/xiehda trid tkun rilevanti għal każ; u li
- għandha dejjem tinġib l-aħjar prova.

Għalkemm għal xi whud jidher li dak li semmejt hawn jidher ovvju – nassigurakom li mhux il-każ. Il-P.C.O. kontinwament jiltaqa' ma' affidavits li jkollhom dawn in-nuqqasijiet:

- dati ħżiena jew neqsin;
- ħinijiet ħżiena jew neqsin;
- postijiet tal-inċidenti ħżiena jew neqsin;
- numri ta' reġistrazzjoni ta' vetturi ħżiena;
- dettalji fil-karti ta' identita b'numri żbaljati jew neqsin;
- affidavits mingħajr firem;
- deskrizzjoni ċara tar-reat li seħħ; u
- rakkonti u dettalji oħra dwar il-każ neqsin.

Fil-parti l-kbira tal-każijiet, dawn in-nuqqasijiet iġibu fix-xejn l-akkuża/i li jkunu ħarġu kontra xi persuna. Hawn ta' min isemmi wkoll li jidher li hemm nuqqas ta' superviżjoni minn min jagħti l-ġurament u ċioe' suppost jkun skrutinja l-affidavit. Dawn għandhom jaraw li n-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq, anke fejn jidher ċar li jkun hemm ikkuppjar *(cut and paste)*, jiġu



evitati w irranġati qabel ma jintbagħtu fejn għandhom jintbagħtu.

Għalhekk trid issir distinzjoni bejn il-karti tal-affidavit: dawk l-affidavits preżentati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u dawk preżentati quddiem it-Tribunal. (Dawn jingħarfu fuq wara tal-affidavit, bl-ittra Q jew T skont il-każ).

Apparti l-fatt li dawn in-nuqqasijiet iġibu fid-deher in-nuqqas ta' serjeta` u professjonalita` tagħna bħala Pulizija, għalija daqxejn diffiċli biex naċċetta li wara li wasalt biex nirraporta u nressaq lil xi ħadd il-Qorti għax kiser il-liġi, ma noqgħodx attent biex nagħmel l-affidavit (jew nixhed) sew sabiex il-Qorti tkun tista` tasal issib lil dak l-individu ħati tal-akkużi kontra tiegħu u ssir ġustizzja skont il-liġi; dan b'sens ta' sodisfazzjon li nkun qdejt id-doveri tiegħi skont il-liġi.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li meta jagħmel affidavit hemm makkinarju sħiħ li jidħol fis-seħħ minn nies tal-uffiċju tal-branka fejn qiegħed stazzjonat, mill-P.C.O. u mis-C.D.O. Marbut ma' dan wieħed irid jiftakar li l-affidavit irid jiġi mqassam maċ-ċitazzjoni sa mhux aktar tard minn ħmistax il-ġurnata qabel is-seduta.

Hemm ħafna affarijiet x'jgħid fuq dan is-suġġett. Għalhekk nagħlaq billi nagħmel referenza għal diversi ċirkularijiet li ħarġu fuq dan is-suġġett fosthom 05/2005; 66/2007, 71/2009 u 59/2011. Ta' min wieħed jagħti ħarsa sew liċ-ċirkolari 71/2009.

antoine.casha@gov.mt

# Sezzjoni tal-Klieb – Taqsima Splussivi

minn PC 1020 Patrick Magri – Sezzjoni tal-Klieb
Ritratti - Sezzjoni tal-Klieb

Insellmilkom. Mhux normali li f'dan il-magażin ikun hawn xi artiklu dwar is-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. Bdejna fl-edizzjoni ta' qabel din billi s-Surġent laqqana ma' *handlers* li kienu minn tal-ewwel li ħadmu f'din is-sezzjoni u tana wkoll xi informazzjoni ġenerali dwar is-sezzjoni.

L-aħħar artiklu, li ġie ppubblikat fl-aħħar ħarġa ġie ppubblikat meta l-Kummissarju kien ġentilment xtara sitt iklieb mill-Ingilterra u parti mill-pakkett kien li ġie *instructor* Ingliż u għallem lil żewġ *handlers* bħala *instructors.* It-tagħlim kien jikkonsisti f'dak kollu li hemm bżonn jitgħallmu dwar *search dogs,* biex fil-futur dawn iż-żewġ *instructors* ikunu kapaċi jgħallmu lill-klieb (u lill-*handlers*) huma stess u din fiha bosta vantaġġi.

L-ewwelnett li l-klieb inkunu nistgħu nħarrġuhom għax-xogħol tagħna, aħna stess mingħajr ma niġu bżonn nies barranin, u t-tieni raġuni hija waħda finanzjarja. Meta niġu bżonn xi *search dogs* ġodda u ma jkunx hawn min huwa kapaċi jgħallimhom, il-klieb ikollhom jiġu mixtrija mħarrġa lesti u dawn jiswew eluf ta' flus. B'din is-sistema li addottajna, il-klieb nistgħu nġibuhom b'xejn bħala donazzjoni minn djar jew *sanctuaries,* jew jinxtraw bħala *green dogs* (ikunu jiswew ħafna inqas għax mhux imħarrġa), wara li nagħmlulhom test kif suppost biex naraw jekk il-kelb huwiex kapaċi għax-xogħol tagħna, isirilhom eżami mediku imbagħad inkunu nistgħu nħarrġuh. It-taħriġ isir kemm lill-*handler* kif ukoll lill-kelb. Dan isir sabiex ikunu jafu dak kollu li għandhom bżonn ikunu jafu meta ssir tfittxija kemm għall-materjal splussiv u anke għal droga.

F'dan l-artiklu nixtieq nagħmel enfasi dwar il-klieb li jfittxu materjal splussiv.

F'dawn l-aħħar sentejn kellna erba' okkazjonijiet li kien hemm xi bomba jew materjal splussiv involut, dawn il-każijiet juruna li din hija realta` eżistenti.

Ta' spiss nisimgħu, (speċjalment dan l-aħħar minħabba l-każijiet ta' theddid fil-Qorti), b'xi theddid ta' bomba, jew hawn min isejħilha *bomb scare.* Kemm jiena u



kemm *handlers* oħra qed ninnutaw illi meta jkun hemm xi theddida ta' bomba ħadd ma jkun jaf x'għandu jagħmel eżatt u x'għandu jsir fuq il-post. U minn dan l-artiklu ħa nipprova ngħaddilkom ftit informazzjoni ġenerali ta' x'wieħed għandu jagħmel f'sitwazzjonijiet simili.

L-ewwel u qabel kollox, meta jkun hemm *bomb threat* ħuduha bis-serjeta`. Ma għandna qatt immorru fuq il-post u ngħidu li din hija waħda tas-soltu, "issa jiġu tal-EOD u tal-klieb, nofs siegħa tfittxija u suq għax sebaħ". Dan ma għandux isir, darba jkun hemm waħda veru u l-konsegwenzi lanqas biss nista` nimmaġinahom … inħalli f'idejkom biex taslu għall-konkluzjonijiet.

Mela ħa nibdew pass pass. L-ewwelnett tistgħu tagħmlu referenza għaċ-ċirkulari Numru 57/98 maħruġa nhar it-23 ta' Ġunju 1998 *(GHQ Policy and Procedures Circulars Vol I)* din fiha informazzjoni siewja ħafna dwar il-proċedura ta' meta jkollna theddida ta' bomba.

Min jirċievi t-telefonata. Dan għandu joqgħod attent għal dak li jintqal kelma b'kelma u jikteb dak kollu li jintqal mill-persuna li qed iċċempel. Mistoqsijiet li għandna nsaqsu:-

- Min inti?
- Fejn qiegħda l-bomba?
- F'liema kamra?
- Ħdejn xi ħaġa partikolari?





X'ħin ser tisplodi?

- X'għamla/forma hi?
- Qiegħda ġo xi baskett?
- X'kulur hu?
- Kif tidher?
- Għalfejn saret il-bomba?

Jaf minn din l-informazzjoni nieħdu waħda jew żewġ tweġibiet biss imma jaf ikunu biżżejjed li jekk tkun theddida falza l-uffiċjal investigatur jista' jasal għall-persuna li ċemplet.

Dettalji li għandna ninnutaw waqt it-telefonata :-

- Sess,
- Leħen,
- Eta`,
- X'tip ta' leħen?
- Kif instema'?
- F'siktu jew ma jafx x'qed jgħid?
- Kien qed jonfoħ?
- Fis-sakra? Drogat?
- Iċċassat? Ma jafx x'inhu jgħid?
- Qed jigdeb?
- Jitkellem jgħaġġel jew bil-mod?
- Beda jgħajjat?
- Xi ħsejjes li stajt tisma' :- mużika? Karozza/i? Storbju? Ħoss ta' xi ajruplan? eċċ....

Dawn huma kollha dettalji li min jirċievi t-telefonata għandu jinnota u dawn id-dettalji jistgħu jiġu bżonnjużi għall-uffiċjal li jinvestiga l-każ, kemm jekk it-theddida ta' bomba tkun falza u kemm jekk il-bomba tkun vera.

Issa ħa nsemmi x'inhu rakkomandat li jagħmlu l-Pulizija li jmorru fuq il-post. Dan l-aħħar qed ninnutaw li kemm jekk uffiċjali, Pulizija, sidien tal-post jew persuni responsabbli mill-post, kulħadd qed jibqa` fil-lok b'riskju li jweġġgħu.

Kemm jekk Pulizija tad-distrett, tal-*mobile* jew ta' sezzjonijiet oħra, l-ewwel persuna li tasal fuq il-post tkun ġeneralment l-aktar persuna importanti. Jekk it-telefonata ma tkunx daħlet fil-post tal-*bomb threat* innifsu, dan il-Pulizija ħa jkun l-ewwel persuna li ħa jgħidilhom x'inhu jiġri. Min jaħdem fil-post jew is-sidien tal-post ser jitkellmu u jsaqsu x'għandu jsir. Jekk il-*bomb threat* tkun daħlet fil-post stess (saret telefonata lill-ħaddiem jew sid imbagħad ċemplu għall-assistenza) il-Pulizija għandu jkellem lill-persuna li rċeviet it-telefonata u jieħu kemm jista' jkun informazzjoni minn għandha.

Kull meta ssir xi *bomb threat,* dejjem għandna nikkunsidraw li veru hemm bomba u li dak li ntqal huwa kollu minnu. Għalhekk il-post għandu jiġi evakwat min-nies biex ikun jista' jiġi mfittex sewwa u mingħajr xkiel mit-Taqsima tal-Klieb u mill-*Explosives Ordinance Disposal.* Jekk in-nies jibqgħu ġewwa, kemm il-klieb kif ukoll l-EOD għandhom id-dritt li ma jfittxux għax ma jkunux jistgħu jerfgħu r-responsabbilta` li l-post ikun ġie mfittex sewwa. Għalhekk jiena nissuġġerixxi li l-uffiċjal li jkun fuq il-post għandu dejjem javża lis-sid tal-post jew lil min ikun qed jieħu ħsieb, biex jevakwa l-post mill-aktar fis possibli. Dan iseħħ sabiex meta l-EOD u t-Taqsima tal-Klieb ikunu fuq il-post ikunu jistgħu jibdew it-tfittxija minnufih. Il-ħin f'dawn is-sitwazzjonijiet huwa importanti ħafna.



X'jiswa' li post jiġi mfittex u meta tkun lesta kamra, jidħlu u joħorġu n-nies? Jista` ikun li jdaħħlu xi ħaġa magħhom? Min ser jerfa' r-responsabbilta` meta jkun hemm xi ħaġa vera? Kemm il-darba kellna *bomb threat* il-Qorti u kif naslu fuq il-post insibu l-*lobby* tal-Qorti b'numru ta' Pulizija? Donnu ma qed jieħu dan it-theddied bis-serjeta' għaliex isiru ta spiss. Wieħed qatt ma għandu jieħu dat-theddied *for granted* u jaħseb li mhu ħa jiġri xejn.

Jekk is-sid tal-post jew il-persuna nkarigata mill-post tirrifjuta li ssir it-tfittxija għax ħa jitilfu l-bejgħ jew għal xi raġuni oħra li jistgħu isemmu, l-Ispettur tad-Distrett u tal-Għassa għandhom jiġu nfurmati immedjatament u dawn għandhom ikellmu lis-sid biex jinfurmawh x'responsabbilta` dan ikun qed jerfa`. Tali persuna għandha tiffirma dikjarazzjoni li hu rrifjuta li ssir it-tfittxija u li lest li jerfa' r-responsabbilta` ta' kull ma jista' jinqala'. Iżda, il-Pulizija xorta hija fid-dmir li tavża lin-nies li hemm theddida ta' bomba.

Ħbieb għal-lum naħseb li daqshekk nispera li jkolli opportunitajiet oħra li nitkellem dwar is-Sezzjoni tal-Klieb biex naqsmu naqra aktar informazzjoni siewja għax-xogħol tagħna. Min ikun irid aktar informazzjoni jista' jagħmel kuntatt miegħi.

magazine.police@gov.mt

Advert

## Addolorata







## Bugibba
























## Police Day









## Valletta






## Receptions









## Gozo











# Il-Farewell Parade tat-tluq tal-Akkademja mill-Forti Sant' Iermu.

mill-Ispettur Stephen Mallia – Akkademja tal-Pulizija



Iċ-ċerimonja tat-tluq mill-Forti Sant' Iermu, magħrufa bħala *Farewell Parade* kienet ilha fil-ħsibijiet tagħna bħala staff tal-Akkademja sa minn meta sirna nafu li l-Akkademja kellha tiċċaqlaq. Għalhekk, ma setax jonqos li kif il-Kummissarju tal-Pulizija tagħna l-ordni biex intellgħu din iċ-ċerimonja, mill-ewwel bdejna bil-preparamenti sabiex nagħmlu din l-okkazzjoni waħda memorabbli.

B'sodisfazzjon u b'unur nistgħu ngħidu li bħalma għamlu tradizzjonalment diversi reġimenti militari li kienu stazzjonati f'Sant' Iermu matul is-snin twal li okkupaw din il-ġawra ta' fortizza, hekk ukoll nhar it-8 ta' Awwissu l-Korp tal-Pulizija ta' Malta segwa t-tradizzjoni u wkoll ħareġ mill-fortizza b'mod ċerimonjali bħala ringrazzjament u tislija lil dan il-post talli għal 24 sena laqana fih biex l-Akkademja setgħet isservi bħala l-istituzzjoni preparatorja u edukattiva tal-Pulizija.

Għalija personali, li kelli l-unur li nkun il-Kmandant tal-parata u taċ-ċerimonja tat-tluq, kienet ħolma li saret realta`.

Flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kmandant tal-Akkademja, u l-kollegi kollha li jiffurmaw l-istaff tal-Akkademja, għalkemm forsi bi ftit jew wisq qsim ta' qalb, din kienet okkazzjoni speċjali.

Ninsab konvint li kull min attenda għal din is-serata ħassu xi ftit jew wisq emozzjonat bl-atmosfera.

Waqt iċ-ċerimonja tat-tluq indaqqet il-qanpiena li kienet tkun imwaħħla mall-kappella li tinsab ġewwa l-Forti. Din il-qanpiena tpoġġiet f'post prominenti għaċ-ċerimonja u ndaqqet minn membru tal-Akkademja. Matul iċ-ċerimonja ndaqqew 24 tokk ta' din il-qanpiena propju biex jirrapprezentaw l-24 sena ta' kemm damet topera mill-Forti l-Akkademja tal-Pulizija. Dawn it-tokki ġew akkumpanjati mid-daqq taċ-ċirimella u magħhom ingħaqdet ukoll il-Banda tal-Korp immexxija mill-Ispettur anzjan Anthony Cassar.

Ta' sinjifikat ukoll matul din iċ-ċerimonja kien l-inżul tal-bnadar ta' Malta u tal-Akkademja li tniżżlu għall-aħħar darba fil-*Pjazza D'Armi* akkumpanjati bid-daqq tal-*Last Post* mill-kurunetti tal-banda tal-Korp.

Wara li tniżżlu minn żewġ membri tal-Akkademja, dawn il-bnadar għaddew għand il-Kmandant is-Sur Ronald Kelly, fejn min-naħa tiegħu għaddihom lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dawn jiġu esebiti b'mod permanenti ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija l-ġdida.

Ta' sinjifikat ukoll hu l-fatt li din iċ-ċerimonja tat-tluq minn Sant' Iermu kellha s-sehem sħiħ mhux biss tal-aħħar rekluti li ġew imħarġa fil-fortizza u tal-Banda tal-Pulizija, iżda wkoll tal-membri tal-istaff kollha tal-Akkademja bħala sinjal ta' apprezzament.

Nistgħu ngħidu li kienu snin li fihom il-Forti rat eluf ta' rekluti u membri tal-Korp jitħarġu għall-bżonnijiet tas-servizz tagħhom lill-pajjiż. Saru għexieren ta' reklutaġġi flimkien ma' diversi korsijiet oħrajn li wasslu għall-promozzjonijiet fi gradi differenti, kif ukoll taħriġ lil taqsimiet speċjalizzati fi ħdan il-Korp fuq diversi

suġġetti relatati max-xogħol tal-Pulizija.

Din l-Akkademja zaruha diversi kollegi Pulizija barranin u membri ta' servizzi oħrajn li wħud minnhom pprovdew anke taħriġ speċjalizzat lill-membri tal-Korp. Il-membri kollha tal-Korp attendew regolarment għall-*Inservice Courses* fejn tħarġu fuq diversi oqsma.
F'dawn is-snin kollha l-Forti kienet xhieda ta' diversi avvenimenti importanti, fosthom il-ġuri tat-terrorista *Ali Rezaq* ftit żmien wara li nfetħet l-Akkademja, u anke serviet bosta funzjonijiet oħra importanti waqt *summits* u avvenimenti oħra ta' skala internazzjonali.

Fl-Akkademja nħaddmu diversi *films* li għamlu isem fil-qasam ċinematografiku fejn zaruha diversi diretturi u artisti rinomati barranin f'dan il-qasam, filwaqt li saru diversi avvenimenti marbutin mal-kultura ta' pajjiżna b'attendenzi kbar.

Għalhekk ma setax jonqos li l-Forti okkupata mill-Pulizija u li tagħha l-Korp kien responsabbli, minkejja ż-żmien u d-deterjorazzjoni li bdiet iġġarrab bl-elementi, tinżamm fl-aħjar stat possibbli. Kulħadd jaf l-isforzi li kienu jsiru biex il-post jinżamm nadif u ssir dik il-manutenzjoni urġenti l-aktar wara xi maltempata, li għal min hu midħla ta' Sant' Iermu jaf kemm kienet taħkem bil-kbir.

B'danakollu, il-Korp kien kburi għall-aħħar li kellu sehem daqshekk importanti fl-istorja ta' din il-fortizza, u għandu biex jiftaħar li nizzel ismu fil-ġrajjiet impekkabli li għadda minnhom dan il-post ta' wirt dinji u kien l-aħħar li gawda din il-Forti.

Issa, li ż-żmien tal-Akkademja f'din il-fortizza ġie fi tmiemu, inħarsu 'l quddiem b'kuraġġ u sfidi ġodda sabiex inkomplu nibnu l-istima li ngawdu bħala istituzzjoni serja fi ħdan il-Korp.

F'din l-okkazzjoni ma nistax ma nsellimx lil dawk kollha li taw is-servizz tagħhom fl-Akkademja kemm ilha mwaqqfa sa mill-1988.

Ninsab konvint li kull wieħed u waħda minnhom qatt ma nsew iż-żmien li qattgħu jservu f'Sant' Iermu f'isem il-Korp.

Nassigurakom li m'huma ser jintnesew qatt għax dawn servew lill-Korp tal-Pulizija b'għaqal u entużjazmu kbir. Il-memorji tal-ġrajjiet tagħhom marbuta mal-Akkademja fil-Forti Sant' Iermu għadhom jidwu fostna, u bi tbissima ngħid li r-rakkonti tal-ġrajjiet li għexna magħhom għadna nnissluhom sal-ġurnata tal-llum.

J'Alla l-Akkademja tal-Pulizija tibqa' sservi għal ħafna snin oħra fi ħdan il-Korp irrispettivament mil-lok minn fejn tkun qed topera. M'hemmx dubju li Korp serju ma jistax ikun effiċjenti mingħajr ma jipprovdi taħriġ aġġornat lill-membri tiegħu, u dan lesti nagħmluh aħna li stazzjonati fl-Akkademja llum bħal ma għamlu dawk kollha li servew b'effiċjenza qabilna matul dawn is-snin kollha li ilha mwaqqfa l-Akkademja.

Nikkwota minn diskorsi tal-Kummissarju s-Sur John Rizzo li ta' sikwiet smajtu jlissen waqt xi okkazzjoni relatata mal-Akkademja li:

*"Fil-Pulizija taf kemm taf qatt ma taf xejn"*; filwaqt li jgħid ukoll li: *"t-tagħlim huwa ċ-ċavetta tas-suċċess u l-għodda li kull wieħed u waħda minnha għandna naħdmu biha"*.

Fl-aħħar ippermettuli nikkwota frażi miktuba bl-Ingliż għall-okkazzjoni tal-ftuħ tal-Akkademja f'Sant' Iermu f'Lulju 1988 mid-Deputat Prim Ministru ta' dak iż-żmien Guido de Marco:

*"The Police Academy 'St. Elmo' will preserve a name which is glorious in history"*.

(Fort St. Elmo – Malta – A Brief History; M. Ellul - 1988)

Fuq din in-nota ser intemm l-artiklu tiegħi u f'isem l-Akkademja tal-Pulizija nsellem għall-aħħar darba lill-Forti Sant' Iermu. J'Alla lkoll kemm aħna jkollna l-opportunita li xi darba nkunu nistgħu nzuruha ħalli ngawduha bħala viżitaturi fi stat aħjar la darba din tiġi rrestawrata.

Sadattant nawgura li l-Akkademja tal-Pulizija jkollha futur mimli xogħol ta' fejda u tagħlim lill-membri tal-Korp għal ħafna u ħafna snin li ġejjin.

Insellmilkom.

stephen.mallia@gov.mt

# It-trobbija u r-rispett tal-liġi

minn Dr Anthony Licari PhD



It-trobbija tal-ulied mhix dik biss tal-ġenituri iżda ta' kull persuna li b'xi mod tipparteċipa fil-ħajja tat-tfal. Għaldaqstant l-għalliema jrabbu, il-counsellers irabbu, it-tobba jrabbu u l-Pulizija jrabbu wkoll peress li r-rwol tagħhom mhux sempliċiment punittiv iżda wkoll preventiv u sapportiv taċ-ċittadini li jissorveljaw u jgħinu. Anzi wieħed jista' jgħid li r-rwol tal-Pulizija huwa qajla punittiv peress li dawn ma jaffetwawx punizzjonijiet iżda jressqu persuni li kisru l-liġi quddiem il-Qrati sabiex ikunu dawn li jaffettwaw il-punizzjoni jekk jeħtieġ – bil-kundizzjoni li kull akkużat huwa innoċenti sakemm jinstab ħati.

Personalment qatt ma ltqajt ma' uffiċjal tal-Pulizija li jieħu sodisfazzjon jara l-punizzjoni iżda pjuttost iħobb jara li dak li kiser il-liġi ddeċieda li qatt ma jagħmel hekk iżjed. Naf li ħafna jgħidu li dan mhux faċli. Naqbel, iżda li l-Pulizija mhumiex it-tip ta' nies li dak li mhux faċli jaqtgħu qalbhom minnu. Għalhekk dejjem wieħed irid jibqa' jittama u jipprova jipperswadi lil min kiser il-liġi li huwa possibbli li ma jirrepeti qatt iżjed dak l-iżball li jkun għamel.

Nistgħu ngħidu għalhekk li l-Pulizija jrabbi liż-żgħażagħ ukoll bil-pariri tiegħu għax jaf mill-osservazzjoni, mill-intelliġenza u mill-esperjenza tiegħu li parir tajjeb jiswa` iżjed minn elf kastig.

Naturalment l-ewwel nies li jrabbu lil uliedhom huma l-ġenituri. Dawn għandhom responsabbilta' mhux biss lejn is-saħħa fiżika u morali ta' wliedhom, iżda wkoll lejn is-saħħa soċjali tagħhom. Xi tfisser is-saħħa soċjali? Prinċipalment tfisser li wieħed ikun jaf jimxi b'mod ċivilizzat mal-oħrajn. Iżda xi jfisser li tkun ċivilizzat? Dan ma jfissirx li jkollok xi edukazjoni partikolari. Hawn nies li għandhom biss edukazzjoni bażika u ħarġu mill-iskola ta' eta' minima, imma li huma ħafna ċivilizzati.

Ċerti tfal huma sfortunati li jispiċċaw mingħajr ġenituri u jgħixu f'istituzzjonijiet. Kif rajna diġa' f'diversi pajjiżi, xi tfal ġew ittrattati ħażin u saħansitra abbużati f'xi istituzzjonijiet. Għalhekk l-istat għandu d-dritt u d-dover li jissorvelja dak li jiġri fl-istituzzjonijiet bl-istess mod li għandu d-dritt jissorvelja dak li jseħħ fl-iskejjel privati biex jara li r-regolamenti tal-edukazzjoni nazzjonali jkunu rispettati.

Biex tkun ċivilizzat trid tkun taf tisma' lil ħaddieħor mingħajr ma taħseb li l-opinjoni tiegħu ma tiswa` xejn. Anki r-reazzjoni tagħna lejn l-opinjoni żbaljata ta' ħaddieħor turi ċerta ċivilizazzjoni. Hemm differenza bejn li tgħid lil xi ħadd : "Tgħidx ħmerijiet, tkunx stupidu, kemm se ddum tħawwad" jew "kemm inti redikolu !" u li tuża kliem aħjar mingħajr ma tkun qiegħed taqbel, bħal per eżempju : "Jiddispjaċini, imma ma naqbilx miegħek". B'dan il-mod ma tkunx qiegħed tantagonizza lill-persuna li tkun qiegħed titkellem magħha għax ma tkunx qiegħed tgħajjat magħha jew tgħajjarha. Għalhekk ikun hemm ċans li forsi tkun konvinta mill-argument jew l-opinjoni tiegħek jew għallinqas tkun iżjed lesta li tasal għal kompromess miegħek.

Aktarx li dan il-metodu jaħdem ukoll f'ċerti ċirkostanzi fl-intervisti tal-Pulizija mal-akkużati jew xhieda. L-atteġġjament aggressiv jista' jġiegħel lil xi ħadd jibża` minnek iżda mhux jieħu gost jikkopera miegħek kemm jista'. Fix-xogħol tiegħi ta' interpretu tal-Franċiż mal-Korp, kemm-il darba smajt Spetturi jgħidu lis-suspettati: "M'intix tikkonvinċini" jew "M'inhix nemmnek." Dan iwassal għal riżultati aħjar milli tgħidlu: "Qed tigdeb"

Jiena konvint li l-ebda ġenitur ma jrid jara lil uliedu jiġu f'kunflitt mal-liġi. Dan tant hu veru li anki dawk il-ġenituri li kisru l-liġi jistqarru li ma jridux lil uliedhom jagħmlu l-istess. Il-ġenituri m'għandhomx dejjem kontroll fuq il-futur ta' wliedhom. Hemm ġenituri li jaraw b'għafsa ta' qalb lil uliedhom ikollhom problemi legali anki wara li rabbewhom tajjeb. It-trobbija tajba tal-ġenituri hi għaldaqstant dover mingħajr ma hi garanzija li d-drawwiet tajba u d-dixxiplina morali li għaddew lil uliedhom bilfors se jpoġġu lil istess ulied fit-triq it-tajba għal dejjem. Ilkoll nafu b'ġenituri li rabbew tajjeb iżda wliedhom jinjoraw totalment din it-trobbija u qabdu t-triq ħażina li riedu. Madankollu dan ma jneħħix ir-responsabbilta' tal-ġenitur li jagħmel id-dover

tiegħu u jispera li l-mudell pożittiv li offra lil uliedu jkollu effett dejjiemi.

Huwa fl-interess tal-ġenituri, ta' wliedhom u tas-soċjeta' kollha li fit-trobbija tat-tfal jinkludu enfasi fuq ir-rispett tal-liġi. Iżda dan ma jsirx sempliċiment billi jgħidu: "Għax hekk għedtlek" iżda spjegazzjoni għaliex għedtlek hekk. Jekk, per eżempju ngħidu lit-tfal li ma jistgħux jieħdu l-liġi b'idejhom, wieħed irid iżid li kieku s-soċjeta` tippermetti dan, l-istess persuna aggressiva llum jew għada sejra tilt-aqa' ma' xi ħadd aggressiv iktar minnha. Kollettivament dan iwassal għal anarkija.

Allura l-ġenituri għandhom id-dover li jsejħu lil uliedhom u joqgħodu jaqrawlhom il-Kodiċi Kriminali u Ċivili biex dawn jitgħallmu xi tgħid il-liġi u jidraw jirrispettawha? Le, xejn minn dan. Waqt li dejjem hi xi ħaġa pożittiva li l-ulied ikunu jafu xi tgħid il-liġi, peress li din mhix maħluqa biss għall-Pulizija u persuni oħra legali bħal avukati u maġistrati, l-aktar mod effettiv kif wieħed jgħallem il-liġi lil uliedu hu billi jgħallem lil uliedu jirrispettaw id-drittijiet ta' ħaddieħor.

Ħalli nieħdu d-dritt tal-proprjeta' privata, per eżempju. Kultant it-tfal żgħar għandhom id-drawwa li jilgħabu bil-ġugarelli ta' tfal oħra u jippruvaw iżommu l-ġugarell għalihom. Ma jifmhux li dak li jogħġbok ma tistax tagħmlu tiegħek jekk hu ta' ħaddieħor. Fil-bidu, meta t-tfal ikunu imġiegħlin jirritornaw oġġett ta' ħaddieħor, jirribellaw u forsi jagħmlu tantrum ġmielu iżda wara ċertu zmien jitgħallmu din ir-regola għal dejjem.

Ħalli nieħdu wkoll l-eżempju tal-proprjeta' pubblika. Dak li huwa pubbliku huwa tagħna lkoll, u mhux ta' xi ħadd minna partikolarment. Għalhekk iċ-ċittadin irid jifhem minn ċkunitu li dak li hu pubbliku jrid jinqasam bejn num-ru kbir ta' nies. Hemm ħafna affarijiet pubbliċi: il-ġonna, il-bajjiet, it-toroq, il-bankini eċċ. Jekk ġnien pubbliku jiġi wzat bħala ground tal-futbol aktarx li qiegħda tinkiser il-liġi tal-proprjeta` pubblika. Jekk wieħed jiġri, idoqq il-mużika għolja u jgħajjat fuq xatt il-baħar wkoll – peress li din qiegħda għall-mistrieħ. Jekk ristorant jaqbad u jpoġġi mwejjed u siġġijiet bla permess fuq il-bankina pubblika, ikun qiegħed jisraq dak li eluf ta' nies ħallsu għalih bit-taxxi tagħhom. Jekk fid-dar tisma' xi ġirien bit-televiżjoni jgħajjat jew xi annimal jinbaħ u jħammeġ, dawn ikunu qegħdin jisirqu l-paċi pubblika u jagħmluha privata.

Nikkonkludi billi ntenni li r-rispett tal-liġi għandu bħala bażi r-rispett taċ-ċittadini tad-drittijiet ta' xulxin.

magazine.police@gov.mt



mill-Ispettur Saviour Baldacchino - 6PD

ristina 19th July 2012

ICE

RN

ER RAYMOND SALIBA

ond SALIBA as a line manager
Transport Coordinator Officer.
of the busiest and crucial jobs
ss in his daily working duties,
ut creative and extraordinary
during the work.

best, diligent and committed
epartment ever building candid
ll as with his superiors and high-
ould get contact to perform our

son who is hardworking, having an
rd wonderful cures for the tasks to
e duties assigned to himself with
ut his life under risk for the job.
e highest grade for his performance
sual Contribution" which merely 1
cceed to have.

e honor to have Raymond under my
great efforts he has brought credit to

Umit ERSAHIS

SPD Transport Coordinator

Major at Turkish National Police

---

Ambassade de France
à Malte

Liberté • Égalité • Fraternité
RÉPUBLIQUE FRANÇAISE

*L'Ambassadeur*

La Valette, mercredi 18 juillet di 18 juillet

N° 40 /AEE

Inspector,

Mr R.A. Zammit
Inspector, District Police Division 2
Triq il-Parrocca
Haz-Zebbug ZBG 3360

Allow me to warmly thank you for your kind help and support which enabled us to have a very pleasant soirée last Saturday the 14th of July on the occasion of France's National Day.

Your help has undoubtedly contributed to the success of this event.

Whilst thanking you once again, Inspector, I remain,

Yours sincerely,

Michel Vandepoorter

---

MQABBA LOCAL COUNCIL
29, Parish Street, Mqabba MQB 1513
Tel: 2168 0622 /2791 3040 • Fax: 2168 0606

28 ta' Ġunju, 2012.

Kummissarju tal-Pulizija,
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija,
Floriana.

[illegible]

Insella Għalik,

Noel Galea
Sindku

Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv

Cc Spettur Għassa taż-Żurrieq

---

The Commissioner of Police
General Police Headquarters
Floriana

4 July 2012

Dear Sir

I would like to commend the action taken by PC 199 on Monday 2nd July at B'Kara in the morning.

I was walking to the B'Kara Health Centre (a good 30 mins walk from home) and half way I tripped and fell on my face. As I was getting up, realising that I was covered in blood, PC 199 happened to be driving by in his personal car.

He immediately stopped and came over to help me get up. He asked me where I was heading and when I told him that I was going to the Health Centre, he accompanied me there and only left me when he ensured that I was being given medical attention by the medical staff. Thankfully, I didn't break any bones, but needed stiches on my nose and will need another check up next week.

I am a 76 yr old retired Policeman (ex-PC 926), and I really appreciated this kind gesture by PC 199.

Kindly extend my gratitude to him

Yours sincerely

Joseph Spiteri

---

OVIDENZA
Grupp Żgħażagħ Kirkop

10 ta' Jannar 2012

a f'Ħal Kirkop norganizzaw
biex jinġabru fondi b'risq
ttività li saret f'Novembru
rezzjuża tiegħek, inġabret

nibgħatlek nirringrazzjak
l-aħħar tas-sena. Filwaqt
u fuq l-għeżież tiegħek

Tiegħek

Fr. John Curmi
Grupp Żgħażagħ Kirkop

---

Mr John Rizzo
Commissioner of Police,

I would like to thank you and your efficient staff, especially Inspector Mario Tonna for being so prompt in answering my email. After sending an email a few days ago, whereby I asked for your approval to interview a traffic Inspector for my dissertation, yesterday I carried out the interview with Inspector Mario Tonna. May I point out that Inspector Tonna was very well prepared and communicated to me all the information I required, his experience was indeed reflected in our informative meeting.

Well done and thanks again for giving me this opportunity at such a short notice.

Best Regards

Louisa Galea

# *Card Fraud* – Nipproteġu l-*cards* tagħna mill-frodisti

Mill-Ispettur Ian-Joseph Abdilla – *Economic Crimes Unit*

Iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar il-banek kummerċjali f'Malta qegħdin iżidu fl-importanza ta' l-użu ta' servizzi elettroniċi li jipprovdu lill-klijenti tagħhom, sew jekk dawn ikunu provduti fuq l-*Internet,* fuq il-*mobile phones*, jew fuq in-*network* ta' magni awtomatiċi *(Automatic Teller Machines ATMs)* li hawn imxerrda ma' Malta u Għawdex kollu.

Bla dubju, din iż-żieda fl-użu ta' servizzi elettroniċi, partikolarment fl-użu ta' magni awtomatiċi, ġabet magħha wkoll xejriet ġodda fil-qasam ta' l-infurzar tal-liġi, b'reati ġodda li sa ftit tas-snin ilu ma konniex niltaqgħu magħhom. B'mod partikolari, qiegħed nirreferi għal sitwazzjonijiet fejn kriminali qegħdin jużaw in-*network* ta' magni awtomatiċi (ATMs) biex jisirqu informazjoni bankarja sensittiva.

Propju għalhekk li għalina lkoll, kemm bħala membri tal-Korp tal-Pulizija kif wkoll bħala persuni li ta' kuljum nużaw l-ATMs, huwa importanti nkunu nafu iktar dwar kif dawn il-kriminali qegħdin joperaw biex b'hekk inkunu nistgħu, fl-ewwel lok nipproteġu lilna nfusna milli naqgħu vittmi ta' dawn il-kriminali, kif ukoll biex inkunu nistgħu ninvestigaw dawn l-atti b'mod iktar effettiv.

### L-iskop wara dawn il-kriminali

L-iskop ewlieni ta' dawn il-kriminali huwa li jottjenu informazjoni bankarja ta' individwi, bil-għan li wara, jużaw dik l-istess informazzjoni, jew biex direttament jittieħdu flejjes minn ġo l-istess kontijiet bankarji permezz ta' rtirar ta' flus mill-ATMs, jew biex jinxtraw prodotti minn ħwienet jew minn fuq l-*Internet.*

Dan it-teħid ta' *data* isir permess t'apparat li jitwaħħal mal-ATMs, kif se naraw iktar 'il quddiem, bl-iskop li jew tittieħed il-kard bankarja nnifisha, jew tiġi kkupjata l-informazzjoni li tinsab fuq il-*magnetic strip,* dik l-istrixxa sewda li wieħed isib fuq wara ta' kull kard tal-bank, sew jekk din hija *debit card* kif wkoll jekk hija *credit card.*

Fl-istess waqt l-istess kriminali jippruvaw jottjenu aċċess għal *Personal Identification Number* (PIN) li jintuża ma' l-istess kard.

Hawn diversi metodi kif persuna tista' tieħu d-dettalji ta' klijenti minn fuq l-ATMs. F'dan l-artiklu tal-lum, ħa naraw tnejn minnhom, li huma: il-*Lebanese Loop u l-Card Skimming.*

### Lebanese Loop

Il-*Lebanese loop* hija metodu ta' kif wieħed jista' jieħu l-kard bankarja nnifisha biex jużaha għall-iskopijiet li semmejna qabel. Dan il-metodu ġie wintant minn gruppi kriminali fil-Libanu, imma li ġie addottat minn gruppi kriminali oħra madwar l-Ewropa, speċjalment mir-Rumeni u mill-Bulgari.



Il-Lebanese loop

Permezz ta' din it-teknika, il-kriminal idaħħal tertuqa ġos-slot fejn normalment tidħol il-kard ġo l-ATM, moħbija wara faċċata falza l-istess kulur ta' l-ATM. Din it-tertuqa ma hi xejn għajr xi biċċa film meħud minn ġo video cassette u l-iskop tagħha hu li tiġġamja l-mekkaniżmu li għandha l-ATM, li jirritorna l-kard lura lill-klijent. Il-kard tibqa' mwaħħla ġo l-ATM b'mod u manjiera li l-klijent jaħseb li l-istess kard ġiet irtirata mill-ATM stess. Wara li l-klijent jitlaq minn fuq l-ATM, il-

kriminal, li normalment ikun fil-viċinanzi, jew addirittura jistenna fil-kju wara l-istess klijent, imur fuq l-ATM u jiġbed din it-tertuqa 'l barra bil-kard b'kollox.

Fl-istess waqt normalment, l-istess kriminal ikun ukoll ħa aċċess għall-*PIN number,* billi jew ikun raħ minn wara dahar il-klijent, jew billi ikun waħħal xi tip ta' kamera, ma' jew fil-viċinanzi tal-istess ATM, u dan kif ħa naraw iktar 'il quddiem f'dan l-artiklu.

B'hekk, il-kriminal ikollu f'idejh kemm il-kard ġenwina tal-klijent kif ukoll il-*PIN number* tagħha.

## Card Skimming

*Skimming* tirreferi għal ikkupjar ta' nformazzjoni minn fuq kard, meta din tkun qed tintuża minn persuna li jkun qiegħed jagħmel transazzjoni normali, u issir permess ta' apparat, li jissejjaħ *skimmer,* li normalment jitqiegħed fuq l-ATMs biex jikkopja l-informazzjoni minn fuq il-*magnetic strip* tal-kard tal-bank.




L-ewwel *skimmer* li instab Malta fis-sena 2004

*Skimmer,* li huwa apparat kompletament estranju għall-ATM u ma jagħmilx parti mill-istess magna, jitwaħħal fuq il-*card reader* ta' l-ATM permezz ta' kolla jew *double-sided tape.* Il-faċċata ta' dan l-apparat tkun magħmula b'mod li kemm jista' jkun tixbaħ il-*card reader* tal-ATM li fuqu tkun trid titwaħħal, biex tqarraq bil-persuni li jużaw l-ATM.

Dan l-apparat jaħdem, billi fi slot li jkollu minn fejn tidħol il-kard, ikun hemm *card reader* biex tinqara d-*data* waqt li l-kard tkun qiegħda tintuża. Fuq in-naħa ta' wara, dan l-apparat ikollu *memory chip* biex fuqha tiġi maħzuna l-informazzjoni, numru ta' batteriji li jservu bħala *power supply,* u *socket* jew *computer pins* biex l-istess *data* tiġi trasmessa għal fuq kompjuter.



*Skimmer* iktar modern li nstab fis-snin iktar riċenti



Wieħed mill-aħħar *skimmers* li twaħħal fuq ATMs iktar moderni

Jeżistu wkoll *GSM-based skimmers* li minflok jaħznu l-informazzjoni miġbura fuq *memory chip,* din l-informazzjoni tiġi trasmessa direttament lill-kriminali permezz ta' *Short-Message Service SMS,* jew b'xi forma oħra, u b'hekk il-kriminali jkollhom aċċess għall-informazzjoni b'mod istantanju, mingħajr il-ħtieġa li jmorru jiġbru l-apparat biex jieħdu *d-data* li jkollhom bżonn, u b'hekk jevitaw ukoll li jinqabdu mill-pulizija.

L-ewwel *skimmer* li nstab Malta kien fis-sena 2004. Dak iż-żmien dan l-apparat kien rudimentali u faċli mhux ħażin biex wieħed jinduna bih. Illum il-ġurnata, *l-iskimmers* issibhom f'kull forma, għamla u xorta, b'uħud minnhom mhux daqshekk faċli li wieħed jinduna bihom, mingħajr ma fiżikament imiss il-*card reader* fuq l-ATM, u jiċċekkja li ma hemm xejn imqabbad miegħu.

Lanqas ma jaffetwa li l-ATMs ikunu mudelli ġodda b'card readers li jidhru sofistikati għaliex anki għal dawn jeżistu skimmers li jitwaħħlu b'mod li jistgħu jqarrqu bil-klijenti tal-bank.



*GSM-based skimmers* li jittrasmetti l-informazzjoni direttament lill-kriminali permezz ta' *Short-Message Service SMS.*

### Camera-housing u PIN-pad overlay

F'dan l-istadju, wieħed forsi jistaqsi, kif jistgħu dawn il-kriminali jieħdu pussess tal-*PIN number* tal-kard tagħna? Dan jistgħu jagħmluh b'diversi metodi, l-iktar komuni huma tnejn – billi titwaħħal xi forma ta' kamera biex tirrekordja l-*PIN numbers,* jew jitqiegħed wiċċ falz fuq il-*PIN pad* ta' l-ATM biex tikkopja kull għafsa ta' buttuna li issir fuq il-*pad.*

Jekk il-kriminali jużaw kamera biex jieħdulna l-*PIN number* tagħna, dan jagħmluh billi ma' l-ATM iwaħħlu xi forma ta' kamera mgħottija b'cover *(camera housing).* Hawn diversi tipi ta' kameras li jintużaw għal dan l-iskop, fost l-iktar komuni nsibu mobile phones jew *spy cameras.* Il-*camera* housing tkun l-istess kulur ta' l-ATM biex tagħti inqas fil-għajn u



*Camera housing* imwaħħal ma' ATM biex jikkopja il-*PIN number,* u kif jidher minn ġewwa.

titwaħħal f'xi post fuq l-ATM minn fejn l-istess kamera tkun tista tirrekordja dan li jkun qed isir fuq il-*PIN pad.*

Mill-banda l-oħra, il-kriminali jistgħu wkoll jużaw dik li tissejjaħ bħala *PIN pad overlay.* Dan huwa apparat simili ħafna għal *PIN pad* li nsibu fuq kull ATM u jitpoġġa fuq il-*PIN pad* oriġinali ta' l-ATM. Ġo dan l-apparat, apparti l-buttuni kollha li wieħed isib fuq *PIN pad* normali, ikun hemm ukoll *memory chip* li tirrekordja kull għafsa ta' buttuna li wieħed jagħmel. Meta klijent jagħfas in-numru tal-*PIN*, il-buttuni li fih dan l-apparat, jagħfsu l-buttuni tal-ATM oriġinali, biex b'hekk it-transazzjoni tkun tista ssir normali, filwaqt li l-istess PIN jiġi rrekordjat fuq dan l-apparat.

Kemm *l-iskimmer* kif ukoll il-kamera jew il-*PIN pad overlay,* jistgħu jibqgħu jaħdmu fuq l-ATM għal numru ta' sigħat u meta l-kriminal jiddeċiedi li jaqlagħhom, dan ikollu aċċess kemm għad-data tal-kard, kif ukoll għall-PIN number tagħha, meta jniżżel dik l-informazzjoni fuq il-kompjuter.



Ritratt ta' *PIN pad overlay*

F'dan l-artiklu, qegħdin jidhru xi ritratti ta' *skimmers, camera housings,* u *PIN pad overlays* biex wieħed jifhem aħjar fuq x'hiex qegħdin nitkellmu. Biss huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li dawn jistgħu ivarjaw fl-għamla u fil-qies, u għalkemm dawn ir-ritratti għandhom biss iservu bħala gwida ta' x'tip ta' apparat wieħed jista' jsib imwaħħal mal-ATMs.

Fl-artiklu li jmiss, se naraw metodi oħra ta' kif kriminali jistgħu jieħdu aċċess għall-informazzjoni bankarja tagħna, mhux biss minn fuq l-ATMs imma minn sitwazzjonjiet oħra li fihom nużaw il-kards bankarji tagħna. Se naraw ukoll kif aħna bħala klijenti, nistgħu nipproteġu lilna nfusna minn tali reati u x'għandna nagħmlu bħala membri fil-Korp tal-Pulizija, meta niġu f'sitwazzjonijiet fejn inkunu rridu ninvestigaw dawn ir-reati.

ian-joseph.abdilla@gov.mt

# Id-Distrett Numru 9

mis-Supretendent Martin Sammut - 9PD



Id-Distrett 9 jkopri fih ir-reġjun tat-Tramuntana ta' Malta u jinkludi l-lokalitajiet tal-Mosta, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr u l-Mellieħa. Kif wieħed jista` jinnota, bħala *area,* hija kbira ħafna għax tiġbor l-*area* mill-lokalita' tal-Mosta saċ-Ċirkewwa.

Dan id-Distrett huwa maqsum f'żewġ Diviżjonijiet; 'T' u 'V' u nsibu seba' Għases. Dawn huma dawk tal-Mosta, l-Imġarr, il-Qawra, San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa, l-Għadira u ċ-Ċirkewwa. L-Għassa tal-Mosta hija meqjusa bħala l-*Head District.* L-għases huma miftuħa dejjem ħlief dik tal-Għadira li tinfetaħ biss matul is-Sajf bejn l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru ta' kull sena.



Id-Distrett jiġbor fih 85 uffiċjal mqassma hekk; Supretendent, erba' Spetturi, Surġent-Maġġur, erbatax-il Surġent, u 64 Kuntistabbli.

Ix-xogħol li jagħmel dan id-distrett huwa kemmxejn varjat u jekk wieħed jara l-okkorrenzi li jiddaħħlu, faċilment jinduna li l-akbar ammont ta' xogħol jidħol fuq Diviżjon 'V' u partikolarment il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar. Jekk wieħed iħares lejn l-statistika, insibu li matul is-sena 2011 iddaħħlu 3,150 okkorrenza fuq id-Diviżjon tal-Mosta u 6,531 okkorrenza fuq id-Divizjon ta' San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa - total ta' 9,681 okkorrenza. Dan jindika li x-xogħol fuq l-Għassa tal-Qawra huwa aktar mid-doppju ta' dak tal-Mosta.

Hemm diversi fatturi li jispjegaw dan l-ammont kbir ta' rapporti fuq l-Għassa tal-Qawra. Insibu li fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar, in-numru ta' residenti żdied u li minnhom hemm numru ta' barranin. Insibu wkoll numru mdaqqas ta' lukandi u barijiet li jikkontribwixxu sabiex iżidu l-ammont ta' nies li jiffrekwentaw il-lokalita', partikolarment fis-sajf. Ovjament dan kollu jikkontribwixxi sabiex jiżdied ix-xogħol fuq il-Pulizija bħal investigazzjonijiet kriminali, *patrols* u spezzjonijiet f'postijiet ta' divertiment. Mhux faċli biex tiddentifika x'inhu l-akbar fattur ta' kriminalita` fid-Distrett iżda jkolli ngħid li jispikkaw is-serq u l-vjolenza domestika. Mal-vjolenza domestika nassoċċja wkoll rapporti dwar aċċessi ta' minorenni, u manteniment. Mhux l-ewwel darba li l-Pulizija tkun strumentali sabiex tipprova tippaċifika s-sitwazzjoni bejn il-partijiet involuti. Riċentement f'sezzjoni tal-midja partikolari, ġie rrappurtat studju li sar mill-Caritas fejn il-lokalita' tal-Qawra kienet identifikata bħala post bi problemi soċjali li jispikkaw fuq lokalitajiet oħra.



Filwaqt li rapporti ta' vjolenza domestika jkunu fuq bażi regolari matul is-sena kollha, rapporti ta' serq jiżdied fix-xhur tas-sajf meta jkollok ammont ta' turisti jew persuni alloġjati f'post ta' villeġġjatura. Fix-xhur tas-sajf wieħed jibda jara numru ta' rapporti dwar serq minn xtut u bajjiet

għad-detriment ta' persuni jew familji li jkunu qegħdin igawdu l-baħar. Għal dan il-għan jiżdiedu l-*patrols* fil-bajjiet konċernati. Wieħed jinnota wkoll żieda f'rapporti dwar serq minn lukandi għad-detriment tat-turisti.

Xogħol ieħor li jagħmlu l-Pulizija tad-Distrett, partikolarment dak tal-Qawra huma spezzjonijiet li jsiru fil-ħwienet tax-xorb u jiġi żgurat li dawn qegħdin jaħdmu skont il-permessi tal-Awtoritajiet kompetenti, li jiġu mħarsa r-regolamenti tat-tipjip, konsum tax-xorb minn persuni taħt is-sbatax-il sena u regolamenti oħra relatati.

Wara li f'Settembru li għadda ġew promossi diversi uffiċjali għal grad ta' Spettur, id-Distrett Numru 9 ra n-numru ta' Spetturi miżjuda minn tnejn għal erbgħa. Għaldaqstant ix-xogħol mhux biss setgħa jiġi mqassam aħjar bejn l-ispetturi imma jista' jiġi ddedikat aktar ħin fuq investigazzjonijiet, sabiex jagħtu l-frott mixtieq.

Ta' min jgħid ukoll li l-lokalita' tal-Mellieħa issa wkoll għandha Spettur u dan wara li din il-lokalita' ġiet identifikata bħala post fejn ix-xogħol tal-Pulizija żdied. Bħalissa għaddej xogħol ta' *refurbishment* fl-Għassa tal-Mellieħa sabiex takkomoda l-uffiċċju tal-ispettur u anke Uffiċċju tad-Diviżjon.







U la qegħdin insemmu l-Mellieħa, matul dawn l-aħħar xhur id-Distrett kien impenjat sabiex isir kontroll tat-traffiku minħabba xogħol li qiegħed isir f'toroq arterjali fiċ-Ċirkewwa u t-Telgħa ta' Penellu bħala parti mit-*Ten T Project.* Ix-xogħol tal-Pulizija kien l-aktar evidenti fil-ġranet tal-karnival fejn il-Pulizija assistiet lil eluf ta' sew-wieqa li qasmu lejn Għawdex.

Bħala parti mix-xogħol ta' prevenzjoni jsiru *patrols* regolari speċjalment matul il-lejl fejn tingħata importanza liż-żoni industrijali fil-Mosta, inħawi residenzali b'mod partikolari dawk diżabitati u postijiet oħra li jiġu identifikati bħala postijiet li jinħtieġu aktar sorveljanza minn żmien għal ieħor. Biex nagħti eżempju, fis-sajf issir ronda aktar frekwenti fil-bajjiet.

Il-*commitments* tad-Distrett matul is-sena wkoll ivarjaw. Il-Pulizija tkun impenjata f'diversi festi fl-irħula, partikolarment tal-Mosta u l-Mellieħa. Fil-Mosta ssir ukoll il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u għalhekk il-Pulizija tkun impenjata fil-purċissjoni. *Commitments* oħra jvarjaw f'impenji fil-*ground tal-football* tal-Mosta u attivitajiet oħra li jsiru minn żmien għal żmien. Dawn ikunu organizzati minn xi Kunsill Lokali bħal Festa Frawli fir-raħal tal-Mġarr u entitajiet oħra bħall-*Fireworks Festival* fejn din is-sena saru attivitajiet f'San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa.

Huwa mpossibli li wieħed jagħti stampa dettaljata tax-xogħol tad-Distrett f'artiklu qasir u nista' ngħid li hemm ħafna aktar xi tgħid milli dak li diġa' elenkajt.

Fl-aħħarnett nieħu din l-opportunita' biex nirringrazzja lill-membri kollha stazzjonati f'dan id-Distrett għax il-kontribut ta' kull wieħed u waħda minnhom, huwa importanti sabiex ix-xogħol ikun ta' suċċess u jitjieb l-operat tal-Pulizija.

martin.a.sammut@gov.mt

# Charity Tournament 31 ta' Marzu 2012

It-tim tal-Korp tal-Pulizija kellu stedina sabiex jieħu sehem f'kampjonat organizzat mill-Bank of Valletta flimkien ma' Luqa St Andrews b'riżq id-Dar tal-Providenza.

Fuq ix-xewqa tal-Kummissarju tal-Pulizija, nhar il-Ħadd 31 ta' Marzu 2012, tim tal-*football* tal-Pulizija ħa sehem f'dan il-kampjonat organizzat ġewwa l-*ground* ta' Ħal Luqa St Andrews fuq bażi ta' 5-*a-side*. It-tim tal-Korp huwa magħmul minn kompetituri li ġejjin minn diversi taqsimiet tal-Korp. Huma lkoll immexxija mill-kowċ PS 1480 Sandro Carlo Mallia u huma dawn li ġejjin -

PS 494 Gordon Borg,
PS 1238 Clive Brimmer,
PS 1187 Omar Zammit,
PC 846 Anthony Camilleri,
PC 259 Edwin Curmi,
PC 121 Josef Vassallo,
PC 1197 Sebastian Cilia,
PC 1250 Paul Saliba,

Fil-ġurnata, l-organizzaturi tellgħu l-poloz u qasmu l-għaxar (10) timijiet f'żewġ gruppi ta' ħames (5) timijiet.

Fit-8.30am beda l-logħob tal-kampjonat fejn kull logħba kienet twila għoxrin (20) minuta mingħajr serħan.

Il-grupp li kien fih it-tim tal-Pulizija kellu lil dawn l-awwersarji jiġifieri erba` (4) timijiet oħra li huma -

Oranges (BOV personnel),
Air Wing (AFM),
My Smile (Luqa Nursery F.C) u
Ta' Malajr (grupp ta' ħbieb).
Fil-grupp tal-Pulizija r-riżultati kienu dawn li ġejjin-

Pulizija vs Oranges 2-0
[skurjaw PC121, u PC1250]

Air Wing vs Pulizija 1-4
[skurjaw PC121 u PC1250 – doppjeta kull wieħed]

My Smile vs Pulizija 0-6
[skurjaw - PS1238 li skorja *hat-trick*, PC1197 li skurja doppjetta u PS1187]

Ta' Malajr vs Pulizija 2-2
[skurjaw PC121, u PC1250]

It-tim tal-Pulizija rebaħ il-grupp u għadda għas-semi-finali. Kienet logħba diffiċli meta tikkonsidra li t-tim kien diġa għamel sagħtejn logħob, u l-ġurnata kienet waħda tiżreġ bix-xemx.









It-tim li lagħbna kontrieħ fis-semi-finali kien diffiċli. Dan juri r-riżultat. Logħba missielta ferm fejn kien hemm xi xuttijiet jaħbtu mal-lasta imma ftit ċansijiet denji ta' gowl. Lejn tmiem il-partita, b'riżultat jkun dak ta' 0-0, l-awwersarji [VINTAGE] ngħataw *penalty* dubjuż. Iżda, l-abbli *goalkeeper,* PC846 għamel *safe* tajjeb u żamm lit-tim tal-Pulizija fiċ-ċans. Ftit tal-ħin wara kellu jkun l-opportunist PC1250 li ta r-rebħa lill-Pulizija. Riżultat aħħari kien ta' -

Pulizija vs Vintage 1-0
[skurja PC1250]

Ġejna għall-finali fejn iltqajna kontra tim mill-Middle Sea (FC Baħar). Kollha kemm aħna konna għajjenin iżda bla ma trid tiġik dik il-forza sabiex tilgħab l-aktar logħba importanti. Logħba li ħadd ma jkun irid joħroġ tellief.

Il-finali kienet twila fuq tletin (30) minuta b'*half-time.* Kienet logħba missielta għall-bidu iżda wara għaxar (10) minuti, PC121 tefa` lill-Pulizija fil-vantaġġ. Wara l-ħin tal-mistrieħ, PC1250 għamilhom 2-0 u ftit wara reġa` skurja PC1250 biex serħilna moħħna li l-logħba mirbuħa. Riżultat finali kien -

Pulizija vs FC Baħar 3-0
[skurjaw PC1250 – doppjeta u PC121]

Mat-tisfira finali, f'atmosfera ta' *fair play*, il-kompetituri tat-timijiet ħadu b'idejn l-avversarji.

Ftit wara saret il-preżentazzjoni tat-tazzi fejn ġew ippreżentati ukoll il-flus miġbura mill-kampjonat għad-Dar tal-Providenza. Is-somma miġbura kienet dik ta €700 - €70 kull tim.

Grazzi kbira tmur għall-kompetituri kollha magħżula, fejn bi spirtu sportiv, lagħbu b'qalbhom il-logħba tal-*football* u kulħadd preżenti wera kemm kulħadd lagħab għall-flokk peress li rbaħna l-kampjonat mingħajr telfa. Waqt il-logħob ġew skurjati tmintax-il (18) gowl u qlajna tlieta (3) biss.

Ma rridx ninsa lill-Ispettur Raymond Aquilina u lis-Surġent-Maġġur Audrey Ann Cassar fejn ġew taw is-sapport fil-ħinijiet tal-logħob u żammew il-ħin kollu kuntatt mal-kompetituri sal-aħħar.

Dawn li ġejjin huma dawk il-kompetituri, min-naħa tal-Korp li skurjaw f'dan il-kampjonat, jiġifieri :

| | |
|---|---|
| PC1250 | 7 |
| PC121 | 5 |
| PS1238 | 3 |
| PC1197 | 2 |
| PS1187 | 1 |

Ta' min iżid ukoll, li mhux biss il-Pulizija ħadet sehem u rebħet il-kampjonat, kif ukoll l-aqwa kompetitur (bħala l-aqwa *scorer*), imma l-ikbar rebħa kienet li l-Korp tal-Pulizija ħa sehem f'attivita` għal karita favur dawk il-persuni nqas ixxurtjati minnha. GRAZZI.

mpsc.police@gov.mt

Advert

# Stabbilimenti li jipprovdu l-ikel

mis-Supretendent Dr Dominic Micallef LLD – Uffiċċju Legali

F'dan l-artiklu ser niffoka fuq l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel, l-aktar dwar il-ħinjiet ta' ftuħ u l-għeluq tagħhom u kif ukoll dwar il-mużika li tindaqq minn dawn l-istabbilimenti li huma liċenzjati mill-Awtorita` tat-Turiżmu. Dawn l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel huma *bars,* ristoranti, *snack bars,* diskoteki u gabbani.

**Ħinijiet**

Il-ħinijiet normali tal-ftuħ ta' dawn l-istabbilimenti huma mill-4.00am sas-1.00am. Dawn il-ħwienet jistgħu jitolbu għall-estensjoni tal-ħin sabiex jibqgħu miftuħa sal-4.00am. Għaldaqstant, stabbiliment li jinħariġlu dan il-permess, ċjoe` li jista' jibqa' miftuħ sal-4.00am jiġi li jista' jibqa' miftuħ 24 siegħa minħabba li l-ħin tal-ftuħ huwa l-4.00am.

Meta s-sid jew il-*manager* ta' dawn l-istabbilimenti jkun irid japplika għal dan il-permess, dan għandu japplika mas-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ. Din is-Sezzjoni għandha titlob l-approvazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiġi estiż il-ħin ta' dan l-istabbiliment. Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu ċans sa sittin ġurnata ta' xogħol sabiex javza lis-Sezzjoni tal-Kummerċ jekk japprovax jew le din it-talba. Jekk il-Kummissarju tal-Pulizija jonqos milli javza fi żmien sittin ġurnata ta' xogħol lis-Sezzjoni tal-Kummerċ dwar l-approvazzjoni jew le tal-ħin, dan jitqies li l-Kummissarju tal-Pulizija jkun qed jaqbel ma' din it-talba sabiex jiġi estiż il-ħin.

Huwa importanti ħafna li meta nirċievu applikazzjoni għall-estensjoni tal-ħin din tiġi pproċessata malajr kemm jista' jkun. Ma jistax jinħela ħin fuq din l-applikazzjoni minħabba li kull ġurnata li tgħaddi, ikun qed jitnaqqar iż-żmien li fih il-Pulizija hija marbuta li tibgħat ir-risposta tagħha.

**Mużika**

L-Awtorita` tat-Turiżmu hija l-awtorita` li tilliċenzja d-daqq ta' mużika tgħajjat, strumenti tal-mużika u, jew l-użu ta' *loud speakers* u, jew amplifikazzjoni tal-mużika fl-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel. Kull stabbiliment minn dawn għandu bżonn liċenzja mill-awtorita` sabiex idoqq din il-mużika imsemmija. Madanakollu f'ċertu ħinijiet dawn l-istabbilimenti jistgħu jdoqqu din it-tip ta' mużika mingħajr ma jkollhom permess mill-aworita` u flimkien ser naraw liema huma dawn il-ħinijiet.

Stabbiliment liċenzjat mill-awtorita` imma li mhuwiex liċenzjat mill-awtorita` biex idoqq mużika fl-istabbiliment jista' biss idoqq dik il-mużika f'dawn il-ħinijiet li ġejjin:

1) bejn 9.00am – 1.00pm u
2) bejn 4.00pm – 11.00pm

Stabbiliment li għandu liċenzja li jista' jdoqq il-mużika, jista' jdoqq il-mużika f'kull ħin ħlief bejn l-4.00am u 9.00am. L-ebda stabbiliment ma jista' jdoqq il-mużika bejn l-4.00am u 9.00am. Dawn l-istabbilimenti li għandhom liċenzja li jistgħu jdoqqu l-mużika huma regolati b'ċertu regolamenti sabiex ma jkunux ta' nkovenjent għan-nies. Ser naraw x'inhuma dawn ir-regoli li tipprovdi l-liġi partikolarment l-Avviz Legali 1 tal-2006 kif emendat (L.S. 441.07).

Fir-regolament 38 tal-Liġi Sussidjarja nsibu li mużika li tkun qed tindaqq minn post liċenzjat biex idoqq il-mużika ma tistax tinstema' minn barra:

a) bejn 1.00pm u 4.00pm u
b) wara 11.00pm ħlief fil-lokalitajiet ta' Buġibba, il-Qawra u San Pawl il-Baħar fejn il-mużika f'dawn il-lokalitajiet ma tistax tinstema' minn barra wara 12.00am
ċ) il-ħames skeda tal-Liġi Sussidjarja 441.07 issemmi fejn f'ċertu toroq ġewwa Paceville, Buġibba u l-Qawra l-mużika tista' tibqa' tinstema' minn barra sa 1.00am.

Meta l-Pulizija tisma' l-mużika minn barra stabbiliment fil-ħinjiet imsemmija, nistgħu nġibuh il-Qorti mingħajr ma jkun hemm għalfejn inġibu xhieda oħra fil-kawza.

Nixtieq ukoll nenfasizza li l-Kodiċi tal-Pulizija Kapitlu 10 Artiklu 41 jipprovdi li ħadd ma jista' jdejjaq lid-detenturi jew lin-nies li joqgħodu fil-qrib bid-daqq ta' mużika. Dan japplika għal kull ħin tal-ġurnata, u mhux bil-fors bil-lejl biss. Insemmi wkoll li meta persuna tikser xi regolamenti li għandhom x'jaqsmu mal-istabbilimenti tal-ikel, qabel ma nressquha l-Qorti niċċekkjaw il-*fedina penali* tagħha. Dan għandu jsir sabiex niċċekkjaw jekk qabel din tkunx instabet ħatja li kisret xi regolament li għandu x'jaqsam mal-istabbilimenti tal-ikel.

Jekk jirriżulta li l-persuna nstabet ħatja li kisret xi regolamenti dwar l-istabbilimenti tal-ikel, dan il-fatt għandu jitnizzel fiċ-ċitazzjoni, nippruvawh fil-Qorti, sabiex jekk l-individwu jinstab ħati li reġa' kiser xi regolamenti oħrajn, il-Qorti tkun tista' tikkanċella jew tissospendi l-liċenzja tal-istabbiliment.

dominic.micallef@gov.mt

Ex. Inspector Dione Bugeja, IPA National President

# International Police Association

Dear IPA Members,

The advantages of being an IPA member are various; however the opportunities created by our Association for our members, from time to time to meet and work with foreign colleagues abroad, are the most attractive for the young generation. One of these opportunities presented itself last month when Section Poland sent us an open invitation for two members to participate during the 20th Anniversary festivities which are taking place in Bydgoszez between the **27th and 30th September 2012**. For this event the participating members have only to pay their air tickets. After announcing this invitation on our IPA e-News 7, a number of members enquired about the participation conditions, and two members will be selected in due course.

**Meeting with the Chief Justice:** Due to the 14th IPA Mediterranean regional meeting held on the 27th April, events which were planned in connection with our 48th anniversary had to be postponed for a later date. As we have been doing for the past years now, with the aim to continue promoting our Association with the authorities and dignitaries, it was decided that this year the NEC will pay a visit to the **Chief Justice Dr. Silvio Camilleri** at his office at the Law Courts. After a rather short notice, on Friday 6th July at 11.15hrs a NEC delegation lead by the National President Dione Bugeja called at the Courts Valletta, to be lead to the Chief Justice office.

After being greeted by Dr. Silvio Camilleri, a short address followed by our President indicating what IPA stands for, its functions, organisation and activities. Dione Bugeja made also reference to the fact that the Chief Justice worked for long years conjointly with the police at the Law Courts, and later becoming a point of reference when he joined the Attorney General Office, to become later Malta Attorney General. During a very open and friendly meeting, Dr. Camilleri welcomed such an initiative by the NEC, as now he was made more aware what IPA stands for and the work being performed by our Association. He stress that the committee should work more to make IPA and its activities more known to the general public, as an association within the police force. He accepted the fact that his knowledge about IPA was rather limited and this meeting made him understand better the association roll internationally. To keep Dr. Camilleri updated regarding IPA activities, he accepted our offer to receive our IPA e-News on a monthly basis. Reference was also made to the recent 14th IPA Mediterranean Regional meeting Malta 2012, organised and hosted by our section and to the World Congress and the PEB elections being held next September. After nearly an hour enjoyable meeting, Dr. Camilleri presented our National president with a crystal paper weight having the Malta Courts emblem, while in exchange on behalf of IPA Malta, the Chief Justices was presented with the 14th IPA Mediterranean regional meeting Malta token.


Meeting with the Chief Justice Dr. Silvio Camilleri - 6th July 2012

**IPA World Congress September 2012:** As you are aware every three years an IPA World Congress is held and this year this meeting was held in the beginning of September at Eilat Israel. The importance of a World Congress is that at the end of the meeting the new eight members governing body the PEB is elected. As expected there was quite a change in the PEB group since the International President Michael Odysseus did not submit his nomination for the post after twelve years as president. During this Congress a considerable good number of motions were submitted to effect changes in the International Statute and Rules. These motions led to long and healthy debates between the delegates.

During the 14th IPA Mediterranean regional meeting held in Malta, upon a motion by the Swiss Section 'PEB Elections 2012' the delegates discussed this motion and at the end a number of candidates suitable to fill in the eight PEB posts, were put forward for consideration and support. Unexpectedly during the Malta meeting, when the candidates were being proposed; all the delegates present unanimously put forward and




invited our National President **Dione Bugeja** to sit for the post of **Assistant International Treasurer.** However notwithstanding the support our National President had from a number of delegates, the post of AIT was won by our colleague Wolfgang Gabrutsch from Austria 32 votes against 27. For the coming three years the new PEB is made up of the following members. International President Pierre-Martin MOULIN, 1st. Vice President Gal Sharon, 2nd Vice president Werner BUSCH and 3rd Vice President Kees SAL. ISG George KATSAROPOULOS, AISG Stephen Crockard, International Treasurer Romain Miny and AIT Wolfgang Gabrutsch. We wish all the PEB members success in their work.

As we have done in previous World Congresses, 2003, 2006 and 2009, once again this year Section Malta provided the **'voting batons'** to the host section to be used during the voting sessions. Our thanks go to the **Malta Tourism Authority** for their continuous support to continue this initiative by Section Malta.

# IPA MEMBERSHIP INTRODUCES YOU TO A WHOLE NEW WORLD

## What is the IPA?

The International Police Association is an independent body made up of members of the police service, whether on active duty or retired, and without distinction as to rank, sex, race, colour, language or religion. Its purpose is to create bonds of friendship and to promote international co-operation.






It is committed to the principles set out in the Universal Declaration of Human Rights as adopted by the United Nations in 1948. Its aims include the development of cultural relations amongst its members, a broadening of their general knowledge, and an exchange of professional experience; in addition, it seeks to foster mutual help in the social sphere and to contribute, within the limits of its possibilities, to peaceful co-existence between peoples and to the preservation of world peace.

Membership of the International Police Association is open to serving and retired policemen and women of all ages. Each member country (IPA Section) is permitted to apply its own criteria for membership as to who can or cannot be regarded as a police officer for the purpose of membership. Each Section also determines its own membership fees.

Operating in over 65 countries worldwide and growing.

Travel and accommodation opportunities overseas.

Exchange of ideas, procedures and knowledge.

Scholarships for overseas studies

INTERNATIONAL POLICE ASSOCIATION
SERVO PER AMIKECO
© By IPA 1974

# Malta Association of Retired Police Officers

ex-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Segretarju (M.A.R.P.O.)

Din is-sena l-Korp tal-Pulizija ċċelebra l–198 Anniversarju mill-fondazzjoni tal-Korp, u għal daqshekk l-Uffiċjali tal–Kunsill, flimkien mall-membri tal-M.A.R.P.O. ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru matul ix–xahar ta' Lulju.



Nhar il–Ħadd 8 ta' Lulju, il-membri tal–Kunsill attendew għall-quddiesa li saret fil–kappella taċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata b'suffraġju għal ruħ l-eks membri tal-Korp. Għaliha attendew l-Onorevoli Dr Beppe Fenech Adami LLD, il-Kummissarju u s-Sinjura Rizzo, id-Deputat Kummissarju Joseph Cachia u uffiċjali tal-Korp fost oħrajn. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mill-Kappillan tal-Korp Fr Ray Bonnici OFMCap.



Wara l-quddiesa, saret is-soltu ċerimonja fuq l-oqbra tal-eks membri tal-Korp, fejn tpoġġew kuruni tal-fjuri fuq il-monument mill-Onorevoli Dr Beppe Fenech Adami LLD, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Malta *Police Association, Malta Association of Retired Police Officers,* l-Akkademja tal-Pulizija u l-*International Police Association.*

Wara, ulied żewġ eks membri li mietu dan l-aħħar, Michelle Calleja, it-tifla tal-eks Surġent 1483 Carmelo Calleja [il-Kalif], u Warren Schembri, it-tifel ta' eks-Kuntistabbli 984 Oreste Schembri, qraw ħsibijiet u riflessi dwar il-maħbubin tagħhom.

Saru żewġ riċevimenti mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija fl-4 u fl-10 ta' Lulju, fl-Akkademja tal-Pulizija ġewwa Sant'Iermu, għall-membri tal-Korp u penzjonanti. Din kienet l-aħħar darba li dan ir-riċeviment sar f'dan il-post, peress li mhux se jibqa' jintuża bħala Akkademja tal-Pulizija.





Fit-12 ta' Lulju, Jum il-Pulizija, saret Quddiesa Solenni ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fejn attendew Dr Anton Tabone bħala Aġent President, il-Prim Ministru, Dr Lawrence Gonzi, Ambaxxaturi u numru sabiħ ta' uffiċjali u membri tal-Korp. Qabel il-quddiesa kien hemm *'Guard of Honour'* taħt il-kmand tas-Supretendent Alexandra Mamo.



Fis-6 ta' Lulju kien hemm *Open Day* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fejn kien hemm wirja ta' vetturi antiki u moderni użati mill-Pulizija, flimkien ma' wirja ta' ritratti dwar il-ħidma tal-Pulizija, *pet show,* ftuħ tax-xelter ta' żmien il-Gwerra u attivitajiet oħra.

Saru wkoll wirjiet mill-Banda tal-Pulizija, il-*Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb ġewwa l-Belt Valletta, Buġibba, Marsaskala u Marsalforn (Għawdex).

## Mutual Help Association

Meta xi eks membru tal-Korp jiġi nieqes, il-membri tal-familja jridu jinfurmaw lill-uffiċjal inkarigat ġewwa d-Depot, mill-aktar fis possibli rigward il-mewt tal-eks membru. Dawn id-dokumenti huma meħtieġa meta ssir it-talba:

- Mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta (Valletta):

1) Ċertifikat tal-mewt tal-ex membru msemmi hawn fuq;
2) Ċertifikat taż-żwieġ tiegħu, jekk kien miżżewweġ;
3) Ċertifikat tal-mewt ta' martu, jekk kien miżżewweġ u diġà armel;
4) Ċertifikati dwar tfiċċija għal testmenti pubbliċi.

- Dokumenti oħra:

1) Ċertifikati dwar tfiċċija għal testmenti sigrieti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili għal Malta u Għawdex;
2) Kopja tat-testment tal-mejjet eks-membru, jekk kien hemm;
3) Dikjarazzjoni minn persuna responsabbli li kienet taf sew lill-familja tal-mejjet (eż: Kappillan, tabib, avukat eċċ.), dwar min huma l-ulied tal-mejjet, jekk kien hemm; jew, f'każ li ma kienx miżżewweġ, minn huma ħutu u l-ġenituri tal-mejjet eks-membru. Jekk hemm l-ulied taħt l-eta`, dan għandu jiġi ndikat.

Id-dokumenti kollha għandhom ikunu jew oriġinali jew koppji awtentiċi minn Avukat, Nutar Pubbliku, eċċ.

Nota : Jekk eks membru ma baqax iħallas il-kontribuzzjoni tal-Malta Police Mutual Help Association, dan jitlef id-dritt għal għajnuna.

## BBQ fit-18 ta' Awwissu, 2012 fil-Lukanda Waterfront il-Gzira.

L-Għaqda tagħna tibqa' mpenjata biex torganizza attivitajiet għall-membri tagħha matul is-sena. Aħna dejjem insostnu sabiex aktar membri jattendu d-diversi attivitajiet li jkunu organizzati, għax dawn iservu biex wieħed jiltaqa' ma' dak li jkun u jiddiverti fl-istess ħin.



Bosta membri attendew għall-BBQ li ġie organizzat mill-Kummissjoni Attivitajiet tal-Għaqda tagħna nhar is-Sibt 18 ta' Awwissu 2012, fil-Lukanda Waterfront tal-Gzira. Mill-ikel u mill-ambjent kien sodisfatt kulħadd. Biex is-serata tkun aktar kompluta u ta' pjaċir, wara tlajna fir-*roof garden* fejn konna stajna naraw ukoll il-wirja tan-nar tal-ajru fil-festa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema.

Grazzi tal-attendenza u l-appoġġ.

## Mill-Imgħoddi

Il-Banda tal-Pulizija taħt id-direzzjoni tas-Surmat Carmelo Brincat wara parata annwali li kient saret fil-Floriana *Parade Grounds*, għal *Queen's Birthday Parade* fil-11 ta' Lulju 1953.





Ex. Pc 706
Emmanuel Dimech
1929 – 2012
1951 - 1972



Ex. Pc 940
Saviour Caruana
1957 – 2012
1979 - 1982



Ex. Ps 242
Michael Xuereb
1926 – 2012
1949 – 1973 (Gozo)



Ex. Pc 779
Anthony Buttigieg de Piro
1932 – 2012
1953 – 1954



Ex. Insp.
Felix Testa
1922 – 2012
1945 – 1972



Ex. Pc 251
Joseph Camilleri
1936 – 2012
1956 – 1982



Ex. Pc 28
Joseph Borg
1936 – 2012
1956 – 1981



Ex. Pc 276 & 372
Nazzareno Micallef
1945 – 2012
1966 – 1980 &
1987 – 2002

# *Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem*



Pc 671
Victor Ciappara
1973 – 2012
1992 – 2012 (serving)